SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

21 ta' Ġunju 2023 * [i]

"Dumping – Importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina – Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/546 – Impożizzjoni ta' dazju antidumping definittiv – Artikolu 1(4) tar-Regolament (UE) 2016/1036 – Definizzjoni tal-prodott ikkonċernat – Determinazzjoni tal-valur normali – Artikolu 2(6a) tar-Regolament 2016/1036 – Rapport li jikkonstata l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur – Oneru tal-prova – Użu ta' pajjiż rappreżentattiv – Artikolu 3(1), (2), (3), (5) u (6) tar-Regolament 2016/1036 – Dannu – Fatturi u indizji ekonomiċi li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba"

Fil-Kawża T-326/21,

Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd, stabbilita fi Qingyuan (iċ-Ċina),

Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd, stabbilita fi Yuan Tan Town (iċ-Ċina),

irrappreżentati minn M. Maresca, C. Malinconico, D. Guardamagna, M. Guardamagna, D. Maresca, A. Cerruti, A. Malinconico u G. Falla, avukati,

rikorrenti,

sostnuti minn

Airoldi Metalli SpA, stabbilita fi Molteno (L-Italja), irrappreżentata minn M. Campa, M. Pirovano, D. Rovetta u V. Villante, avukati,

intervenjenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn G. Luengo, P. Němečková u A. Spina, bħala aġenti,

konvenuta,

sostnuta minn

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn A. Neergaard, M. Peternel u L. Stefani, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

intervenjent,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża),

komposta minn S. Papasavvas, President, R. da Silva Passos, S. Gervasoni (Relatur), I. Reine u T. Pynnä, Imħallfin,

Reġistratur: P. Nuñez Ruiz, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-16 ta' Jannar 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza [1]

1 Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti, Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd u Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd, jitolbu, minn naħa, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, l-annullament, b'mod prinċipali, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/546 tad-29 ta' Marzu 2021 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2021, L 109, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat"), sa fejn jikkonċernahom u, sussidjarjament, tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Bażiku"), u, min-naħa l-oħra, abbażi tal-Artikolu 268 TFUE, il-kumpens għad-danni li huma allegatament ġarrbu bl-applikazzjoni tar-Regolament ikkontestat u tar-Regolament Bażiku.

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti huma kumpanniji rregolati mid-dritt Ċiniż li joperaw fis-settur tal-produzzjoni ta' prodotti nofshom lesti tal-aluminju li jipproduċu u jesportaw lejn l-Unjoni Ewropea estrużjonijiet tal-aluminju.

3 Fit-3 ta' Jannar 2020, l-assoċjazzjoni European Aluminium, li kienet tirrappreżenta iktar minn 25 % tal-produzzjoni totali ta' estrużjonijiet tal-aluminju fl-Unjoni, ressqet quddiem il-Kummissjoni Ewropea lment dwar il-prattiki ta' dumping u d-dannu materjali li rriżulta minnu.

4 Fl-14 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni ppubblikat in-Notifika ta' bidu ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, C 51, p. 26), skont l-Artikolu 5 tar-Regolament Bażiku.

5 Il-prodott suġġett għall-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu sussegwenti kien jikkorrispondi għall-"żbarri, vireg, profili (vojta jew le), tubi, pajpijiet; mhux immuntati; kemm jekk ippreparati għall-użu fi strutturi (eż. maqtugħin għall-qies, imtaqqbin, mgħawwġa, iċċanfrinati, bil-kamin);

[1] Qegħdin jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis utli għall-pubblikazzjoni.

magħmula minn aluminju, legat jew le, li fih mhux iktar minn 99,3 % ta' aluminju". Dan il-prodott kien jinkludi l-prodotti komunement imsejħa "estrużjonijiet tal-aluminju", b'riferiment għall-proċess ta' manifattura l-iktar komuni tagħhom, anki jekk setgħu jiġu mmanifatturati wkoll permezz ta' proċessi oħra ta' produzzjoni, bħall-irrumblar, il-kiwi jew l-ikkastjar.

6 L-investigazzjoni dwar id-dumping u d-dannu sussegwenti kopriet il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2019 u l-31 ta' Diċembru 2019 (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' investigazzjoni"). L-eżami tat-tendenzi rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tad-dannu kopra l-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2016 u t-tmiem tal-perijodu ta' investigazzjoni (iktar 'il quddiem il-"perijodu kkunsidrat").

7 Permezz ta' ittra tas-26 ta' Frar 2020, ir-rikorrenti ġew inklużi mill-Kummissjoni fil-kampjun tal-produtturi-esportaturi meħuda inkunsiderazzjoni fl-analiżi tagħha.

8 Fis-6 ta' April u fid-29 ta' Mejju 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw osservazzjonijiet. Bejn is-6 u d-29 ta' April 2020, ir-rikorrenti ssottomettew lill-Kummissjoni l-kwestjonarji kkonċernati mimlija, flimkien mal-annessi li jinkludu l-informazzjoni meħtieġa. Fit-3, fil-5 u fit-12 ta' Ġunju 2020 saru verifiki mill-bogħod għall-eżami tad-dokumenti tal-kontabbiltà prodotti u għall-produzzjoni ta' dokumenti oħra.

9 Wara talba minn European Aluminium, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1215 tal-21 ta' Awwissu 2020 li jagħmel importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU 2020, L 275, p. 16). Fit-30 ta' Settembru 2020, ġie ppreżentat rikors għal annullament ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE kontra dan ir-regolament ta' implimentazzjoni. Permezz tad-digriet tat-22 ta' Diċembru 2021, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni (T-604/20, mhux ippubblikat, EU:T:2021:952), il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors minħabba li l-interess ġuridiku ma kienx għadu jeżisti.

10 Fit-22 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni informat lir-rikorrenti bl-impożizzjoni possibbli ta' dazju antidumping provviżorju. Fil-25 ta' Settembru 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw osservazzjonijiet ġodda.

11 Fit-12 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1428 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2020, L 336, p. 8, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Provviżorju"). Id-dazju antidumping provviżorju impost fuq ir-rikorrenti kien ta' 30.4 %.

12 Fl-14 ta' Diċembru 2020, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors għal annullament ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE kontra r-Regolament Provviżorju. Permezz tad-digriet tat-22 ta' Diċembru 2021, Guangdong Haomei New Materials u Guangdong King Metal Light Alloy Technology vs Il-Kummissjoni (T-725/20, mhux ippubblikat, EU:T:2021:957), il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors bħala inammissibbli.

13 Fit-22 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni kkomunikat lir-rikorrenti l-informazzjoni finali li tinkludi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet li hija kienet qieset essenzjali u li abbażi tagħhom hija kienet waslet sabiex tapplika dazji antidumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' din l-informazzjoni finali fis-7 ta' Jannar 2021.

14 Fit-8 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni adottat informazzjoni finali addizzjonali, ikkomunikata lill-partijiet ikkonċernati, sabiex tindika l-fatt li, wara l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni, is-suq ta' din tal-aħħar kien jinkludi biss 27 Stat Membru. Ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fir-rigward ta' din l-informazzjoni finali addizzjonali fis-16 ta' Frar 2021.

15 Fid-29 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ikkontestat. L-Artikolu 1(2) tar-Regolament ikkontestat stabbilixxa r-rata tad-dazju antidumping definittiv applikat għar-rikorrenti għal 21.2 %.

II. It-talbiet tal-partijiet

16 Ir-rikorrenti, sostnuti minn Airoldi Metalli SpA (iktar 'il quddiem "Airoldi"), jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla r-Regolament ikkontestat sa fejn jikkonċernahom;

– sussidjarjament, tannulla r-Regolament Bażiku;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-kumpens għad-dannu kkawżat mill-applikazzjoni tar-Regolament Bażiku u tar-Regolament ikkontestat;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Il-Kummissjoni, sostnuta mill-Parlament Ewropew, titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors għad-danni bħala inammissibbli;

– tiċħad ir-rikors għal annullament tar-Regolament Bażiku bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondat;

– tiċħad ir-rikors għal annullament tar-Regolament ikkontestat bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

[*omissis*]

A. Fuq l-ewwel kap tat-talbiet, intiż għall-annullament tar-Regolament ikkontestat sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrenti

33 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi, li jistgħu jinġabru fil-qosor, essenzjalment, kif ġej:

– L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u użu ħażin ta' poter;

– it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, fid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, fid-determinazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv u fid-determinazzjoni tal-valur normali;

– it-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni meta kkonkludiet li kien hemm dannu lill-industrija tal-Unjoni u rabta kawżali;

– ir-raba' u l-ħames motiv, ibbażati fuq ksur tad-dritt internazzjonali, tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB").

[*omissis*]

1. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, fid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, fid-determinazzjoni tal-pajjiż rappreżentattiv u fid-determinazzjoni tal-valur normali

44 It-tieni motiv huwa bbażat fuq seba' partijiet, ibbażati, essenzjalment, l-ewwel, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, it-tieni u t-tielet, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, fuq żbalji fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, ir-raba', fuq żbalji fid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, il-ħames u s-sitt, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, fuq għażla mhux xierqa tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv u, is-seba', fuq determinazzjoni żbaljata tal-valur normali.

[*omissis*]

a) Fuq id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat

55 Fil-kuntest tat-tieni u t-tielet parti tagħhom, ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni qieset li l-estrużjonijiet tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina kienu jikkostitwixxu prodott uniku. Il-Kummissjoni allegatament użat teknika żbaljata, l-evalwazzjoni "fiżikokimika", u allegatament qabżet il-limiti tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħha meta ddefinixxiet il-prodott ikkonċernat. Huma jsostnu li jipproduċu eluf ta' tipoloġiji ta' estrużjonijiet tal-aluminju u li, għal din ir-raġuni, għandhom isiru distinzjonijiet, peress li l-grupp li jappartjenu għalih huwa attiv f'niċeċ tas-suq mhux koperti mill-produtturi tal-Unjoni.

56 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mill-Artikolu 1 tar-Regolament Bażiku, intitolat "Prinċipji", u li jirreferi, fil-paragrafu 1 tiegħu, għal "kwalunkwe prodott oġġett ta' dumping li r-rilaxx tiegħu għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni jikkawża dannu", jirriżulta li l-investigazzjoni antidumping tikkonċerna prodott speċifiku. Dan il-"prodott ikkonċernat" ġie ddefinit mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-ftuħ ta' din l-investigazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 1(4) tal-imsemmi regolament jiddefinixxi l-"prodott simili" bħala prodott identiku, jiġifieri, simili għall-prodott ikkunsidrat, jew, fl-assenza ta' tali prodott, prodott ieħor li, għalkemm ma jkunx l-istess f'kull lat, ikollu karatteristiċi li jixbħu mill-qrib dawk tal-prodott ikkunsidrat.

57 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping għandha bħala għan li tgħin fit-tfassil ta' lista tal-prodotti li, skont il-każ, ikunu s-suġġett tal-impożizzjoni tad-dazji antidumping. Għal dan il-għan, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw diversi fatturi, bħal, b'mod partikolari, il-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodotti, l-użu tagħhom, l-interkambjabbiltà tagħhom, il-perċezzjoni li l-konsumaturi għandhom tagħhom, il-mezzi ta' distribuzzjoni, il-proċess tal-manifattura, l-ispejjeż tal-produzzjoni u l-kwalità (sentenzi tat-13 ta' Settembru 2010, Whirlpool Europe vs Il-Kunsill, T-314/06, EU:T:2010:390, punt 138, u tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-444/11, EU:T:2014:773, punt 329).

58 Minn dan jirriżulta li prodotti li ma humiex identiċi jistgħu, f'ċerti kundizzjonijiet, jinġabru taħt l-istess definizzjoni tal-prodott ikkonċernat u jkunu s-suġġett, flimkien, ta' investigazzjoni antidumping. Ir-Regolament Bażiku ma jimponix fih innifsu li l-kunċett ta' "prodott ikkunsidrat" jirrigwarda neċessarjament prodott meqjus kompletament omoġenju u li jikkonsisti f'prodotti simili (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Portmeirion Group, C-232/14, EU:C:2016:180, punt 42). Id-definizzjoni tal-"prodott ikkunsidrat", fil-ftuħ tal-investigazzjoni, ma jipprojbixxix lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni li jaqsmu dan il-prodott f'tipi jew f'mudelli ta' prodotti distinti u li jibbażaw ruħhom fuq paraguni bejn il-prezz tal-prodott fis-suq tal-Unjoni u l-prezz tal-importazzjonijiet, mudell b'mudell jew tip b'tip (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-5 ta' April 2017, Changshu City Standard Parts Factory u Ningbo Jinding Fastener vs Il-Kunsill, C-376/15 P u C-377/15 P, EU:C:2017:269, punt 59).

59 Barra minn hekk, allegazzjoni li l-prodott ikkonċernat huwa ddefinit ħażin għandha tkun ibbażata fuq argumenti li juru jew li l-istituzzjonijiet evalwaw ħażin il-fatturi li huma qiesu rilevanti, jew li l-applikazzjoni ta' fatturi oħra iktar rilevanti kienet teħtieġ ir-restrizzjoni tad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat (sentenza tat-13 ta' Settembru 2010, Whirlpool Europe vs Il-Kunsill, T-314/06, EU:T:2010:390, punt 141).

60 F'dan il-kuntest ta' stħarriġ, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li, fil-qasam tal-miżuri ta' protezzjoni tal-kummerċ, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u legali li għandhom jeżaminaw (ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill, C-100/17 P, EU:C:2018:842, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata). F'dan ir-rigward, peress li diġà ġie deċiż li d-determinazzjoni tal-prodott simili kienet taqa' taħt l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa rrikonoxxuta lill-istituzzjonijiet u għalhekk kienet suġġetta għal stħarriġ ristrett, l-istess approċċ għandu jiġi segwit fir-rigward tal-istħarriġ tal-fondatezza tad-determinazzjoni tal-prodott ikkonċernat (sentenza tal-10 ta' Ottubru 2012, Gem-Year u Jinn-Well Auto-Parts (Zhejiang) vs Il-Kunsill, T-172/09, mhux ippubblikata, EU:T:2012:532, punt 62).

61 Madankollu, kif ġustament jenfasizzaw ir-rikorrenti, is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward ma hijiex illimitata. L-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni huma suġġetti għall-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali, li jirrigwarda, f'dan il-kuntest, il-verifika tal-osservanza tar-regoli ta' dritt applikabbli, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati sabiex issir l-għażla kkontestata, l-assenza ta' żball manifest fl-evalwazzjoni ta' dawn il-fatti, jew l-assenza ta' użu ħażin ta' poter (ara s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2008, HEG u Graphite India vs Il-Kunsill, T-462/04, EU:T:2008:586, punt 120 u l-ġurisprudenza ċċitata).

62 Għaldaqstant, għandu jiġi eżaminat jekk, f'dan il-każ, il-Kummissjoni marritx lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħha meta qieset bħala prodotti kkonċernati "żbarri, vireg, profili (vojta jew le), tubi, pajpijiet; mhux immuntati; kemm jekk ippreparati għall-użu fi strutturi (eż.

maqtugħin għall-qies, imtaqqbin, mgħawwġa, iċċanfrinati, bil-kamin); magħmula minn aluminju, legat jew le, li fih mhux iktar minn 99.3 % ta' aluminju", komunement imsejħa "estrużjonijiet tal-aluminju" (ara l-premessi 38 u 40 tar-Regolament Provviżorju, ikkonfermati mill-premessa 94 tar-Regolament ikkontestat, bla ħsara għall-informazzjoni addizzjonali pprovduta fil-premessi 90 sa 93 ta' dan tal-aħħar). Il-Kummissjoni enfasizzat li l-prodott ikkonċernat kellu jiġi ttrattat bħala prodott uniku (premessi 56 u 197 tar-Regolament ikkontestat).

63 Il-Kummissjoni ġġustifikat din l-għażla, fil-premessa 56 tar-Regolament ikkontestat, billi spjegat li l-prodotti inklużi fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi bħal dan il-prodott tal-aħħar.

64 Għandu jiġi rrilevat, fir-rigward tal-metodu użat għad-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, li l-Kummissjoni ppreċiżat, fil-premessi 56 u 69 tar-Regolament ikkontestat, li, għalkemm ċerti prodotti estruži setgħu jintużaw biss għal applikazzjoni speċifika, dan kien dovut għall-fatt li dawn il-prodotti kienu ddisinjati apposta u mmanifatturati espressament għall-użu li għalih kienu intiżi. Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prattika kummerċjali kienet stabbilixxiet ċertu numru ta' distinzjonijiet, b'mod partikolari bejn il-ligi ibsin u dawk rotob, il-profili ta' daqs medju u ta' daqs kbir, il-profili standard u speċjali u l-prodotti estruži intiżi għal applikazzjoni speċifika. Madankollu, filwaqt li ħafna produtturi huma preżenti f'diversi minn dawn is-segmenti, huma joperaw skont il-karatteristiċi tekniċi tal-magni tagħhom u l-ħtiġijiet tal-klijenti differenti tagħhom. B'mod iktar speċifiku, fir-rigward tal-ligi, il-Kummissjoni kkonkludiet wara l-investigazzjoni li kien hemm għadd ta' ligi tal-aluminju u li ligi differenti setgħu jkunu xierqa għal applikazzjoni partikolari. Il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-argument imressaq minn diversi partijiet li kellha ssir distinzjoni tas-suq skont il-kriterji msemmija iktar 'il fuq. Minkejja dan, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-assenza ta' demarkazzjoni netta jew kriterju ta' distinzjoni bejn il-prodotti differenti, li jiġġustifika analiżi skont is-segment, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evalwazzjoni tad-dumping u tad-dannu kellha ssir fil-livell tal-industrija tal-Unjoni kollha kemm hi, billi jiġu eżaminati t-tipi kollha ta' estrużjonijiet tal-aluminju b'mod konġunt u tiġi żgurata l-komparabbiltà tajba tal-prodotti kkonċernati.

65 Fil-premessa 61 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni fakkret li hija ma kinitx ikkontestat il-kumplessità ta' diversi estrużjonijiet tal-aluminju, inklużi dawk tas-settur ferrovjarju, u lanqas il-fatt li tipi differenti ta' prodotti jista' jkollhom karatteristiċi, użi jew proċessi ta' produzzjoni speċifiċi differenti, li setgħu jissodisfaw standards ta' prodotti differenti, jew li l-interkambjabbiltà setgħet ma tkunx universali bejn kull wieħed minn dawn it-tipi ta' prodotti. L-informazzjoni pprovduta dwar l-ispeċifiċitajiet tat-tipi differenti ta' prodotti ma ppermettietx li jiġi kkonfutat il-fatt li t-tipi kkunsidrati kellhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi, irrispettivament mis-settur li fih intużaw. Barra minn hekk, fil-premessa 197 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni indikat li l-industrija tal-Unjoni kienet attiva fis-suq tal-ligi ibsin u tal-ligi rotob, profili ta' daqs medju u kbir, profili standard u profili speċjali u kienet suġġetta għal kompetizzjoni mill-importazzjonijiet ta' prodotti Ċiniżi li huma s-suġġett ta' dumping għal dawn it-tipi ta' prodotti kollha. Hija enfasizzat ukoll li kemm il-produtturi tal-Unjoni kif ukoll il-produtturi Ċiniżi setgħu jimmanifatturaw tipi differenti ta' prodotti u jiddeċiedu li jiffokaw fuq xi wħud minnhom meta l-kundizzjonijiet tas-suq jippermettu dan.

66 Mill-eżami tal-analiżi tal-Kummissjoni jidher li din ħadet inkunsiderazzjoni diversi fatturi rilevanti fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 57 iktar 'il fuq, bħal, b'mod partikolari, il-karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodotti, l-użu tagħhom, l-interkambjabbiltà tagħhom, id-domanda min-naħa tal-klijenti u l-proċess ta' manifattura.

67 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrewx, skont ir-regola li l-oneru tal-prova jaqa' fuq ir-rikorrenti, li għandha tipproduċi provi konklużivi insostenn tal-allegazzjoni tagħha (ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni, T-228/17, EU:T:2019:619, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata), li l-Kummissjoni kienet evalwat ħażin il-fatturi li hija qieset rilevanti, u lanqas liema fatturi oħra iktar rilevanti kellhom jiġu kkunsidrati. Il-fatt li l-prezzijiet tar-rikorrenti kienu konformi jew ogħla mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni, anki jekk jitqies li huwa minnu, huwa irrilevanti għall-finijiet ta' din l-analiżi.

68 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma wrewx li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, it-tieni u t-tielet parti tat-tieni motiv għandhom jiġu miċħuda.

b) Fuq l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż

69 Ir-rikorrenti, sostnuti minn Airoldi, isostnu li l-Kummissjoni ssuġġettat il-prodotti tagħhom għal dazji antidumping kumpensatorji abbażi ta' analiżi vaga u ipotetika, ibbażata fuq id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fl-ekonomija tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-finijiet tal-investigazzjonijiet ta' protezzjoni tal-kummerċ tal-20 ta' Diċembru 2017 (SWD (2017) 483 final/2, iktar 'il quddiem ir-"rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż"), u injorat il-provi prodotti minnhom. Issa, l-esportaturi għandhom ikunu jistgħu jinstemgħu u juru l-assenza ta' distorsjonijiet fil-każ tagħhom.

70 Airoldi tikkontesta min-naħa tagħha l-legalità tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, użat mill-Kummissjoni, li ma josservax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku.

71 Il-Kummissjoni ssostni li l-kontestazzjoni tal-legalità tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi tas-suq Ċiniż minn Airoldi hija inammissibbli, peress li din ma tqajmitx mir-rikorrenti.

72 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-determinazzjoni tal-valur normali ta' prodott tikkostitwixxi wieħed mill-istadji essenzjali li għandhom jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dumping eventwali. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Bażiku jipprovdi, f'dan ir-rigward, li "[i]l-valur normali għandu normalment ikun ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew pagabbli, fil-kors ordinarju tal-kummerċ [tranżazzjonijiet kummerċjali normali], minn klijenti indipendenti fil-pajjiż esportatur".

73 Għandu jiġi kkonstatat ukoll li, meta jiġi ddeterminat il-valur normali, kemm mill-formulazzjoni kif ukoll mill-istruttura ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li huwa l-prezz realment imħallas jew li għandu jitħallas matul it-tranżazzjonijiet kummerċjali normali li għandu, bħala regola ġenerali, jittieħed l-ewwel inkunsiderazzjoni biex jiġi stabbilit il-valur normali (sentenza tal-1 ta' Ottubru 2014, Il-Kunsill vs Alumina, C-393/13 P, EU:C:2014:2245, punt 20). Fil-fatt, skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku, tista' ssir deroga minn dan il-prinċipju biss meta jitqies li ma huwiex xieraq li wieħed jibbaża ruħu fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż fis-suq intern tal-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza, f'dan il-pajjiż, ta' distorsjonijiet sinjifikattivi (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2014, Il-Kunsill vs Alumina, C-393/13 P, EU:C:2014:2245, punt 20).

74 L-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku jiddefinixxi l-kunċett ta' "distorsjonijiet sinjifikattivi" bħala "dawk id-distorsjonijiet li jseħħu meta prezzijiet jew kostijiet irrappurtati, inklużi l-kostijiet ta' materji primi u ta' enerġija, ma jkunux ir-riżultat ta' forzi tas-suq ħieles għax ikunu affettwati minn intervent sostanzjali tal-gvern" u jinkludi lista indikattiva ta' fatturi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-analiżi tal-eżistenza ta' tali distorsjonijiet.

75 L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku huwa fformulat kif ġej:

"Fejn il-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sew tal-eżistenza potenzjali ta' distorsjonijiet sinifikanti kif imsemmija fil-punt (b) f'ċertu pajjiż jew f'ċertu settur f'dak il-pajjiż, u fejn ikun xieraq għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tipproduċi, tippubblika u taġġorna regolarment rapport li jiddeskrivi ċ-ċirkostanzi tas-suq imsemmija fil-punt (b) f'dak il-pajjiż jew settur. Tali rapporti u l-evidenza li fuqha huma bbażati għandhom jitqiegħdu fil-fajl ta' kull investigazzjoni relatata ma' dak il-pajjiż jew settur. Il-partijiet interessati għandu jkollhom biżżejjed opportunità biex jirrespinġu, iżidu, jikkummentaw jew joqogħdu fuq ir-rapport u l-evidenza li fuqha huwa bbażat f'kull investigazzjoni li fiha jintużaw tali rapport jew evidenza. Fil-valutazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti, il-Kummissjoni għandha tqis l-evidenza rilevanti kollha preżenti fuq il-fajl ta' investigazzjoni."

76 Il-kunċett ta' "distorsjonijiet sinjifikattivi" u l-metodu ta' kalkolu tal-valur normali meta tali distorsjonijiet jeżistu fil-pajjiż esportatur ġew introdotti fir-Regolament Bażiku permezz tar-Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 338, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament li Jemenda r-Regolament Bażiku").

77 Mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku jirriżulta li, meta l-Kummissjoni tħejji rapport li jiddeskrivi s-sitwazzjoni tas-suq f'pajjiż esportatur, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni, fl-analiżi tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi, il-fatturi msemmija fl-Artikolu 2(6a)(b) tal-istess regolament.

78 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-miżuri ta' protezzjoni tal-kummerċ minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li huma għandhom jeżaminaw (ara s-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2018, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill, C-100/17 P, EU:C:2018:842, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata), tirrigwarda wkoll id-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament Bażiku kif ukoll id-deċiżjoni li jitħejja r-rapport previst mill-Artikolu 2(6a)(c) tal-imsemmi regolament. L-istess japplika għas-sitwazzjonijiet ta' fatt, ta' natura legali u politika, li jimmanifestaw ruħhom fil-pajjiż ikkonċernat u li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jevalwaw sabiex jiddeterminaw jekk esportatur jaġixxix fil-kundizzjonijiet tas-suq mingħajr interferenza sinjifikattiva mill-Istat (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-443/11, EU:T:2014:774, punt 163 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Madankollu, għalkemm, fil-qasam tal-miżuri ta' protezzjoni tal-kummerċ u, b'mod partikolari, tal-miżuri antidumping, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tintervjeni fl-evalwazzjoni rriżervata għall-awtoritajiet tal-Unjoni, hija għandha madankollu tiżgura li l-istituzzjonijiet ikunu ħadu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha rilevanti u li huma evalwaw il-provi tal-proċess

bid-diliġenza kollha meħtieġa (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-443/11, EU:T:2014:774, punt 164 u l-ġurisprudenza ċċitata).

80 Skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku, ir-rapport dwar is-sitwazzjoni tas-suq f'pajjiż u l-provi li fuqhom huwa bbażat għandhom jiddaħħlu fil-fajl tal-investigazzjoni. Sabiex tanalizza l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi, il-Kummissjoni għandha tqis il-provi rilevanti kollha inklużi fil-fajl tal-investigazzjoni, inklużi dawk invokati mill-partijiet ikkonċernati. Interpretata fid-dawl tal-premessa 7 tar-Regolament li Jemenda r-Regolament Bażiku, din id-dispożizzjoni tfisser li, sabiex tanalizza l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi f'pajjiż terz, il-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi utli kollha relatati mas-sitwazzjoni tas-suq intern tal-esportaturi u tal-produtturi ta' dan il-pajjiż li ddaħħlu fil-fajl u li fir-rigward tagħhom il-partijiet ikkonċernati kellhom l-opportunità li jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom. Meta mir-rapport imsemmi fl-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku, inkluż fl-atti tal-proċess, jirriżulta li jeżistu distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq intern fil-pajjiż ikkonċernat, il-Kummissjoni għandha tqiegħed lil dawn l-esportaturi u produtturi f'pożizzjoni li jikkontestaw dawn il-konstatazzjonijiet u tista' tasal għal konklużjoni dwar din il-kwistjoni biss wara li tkun debitament eżaminat l-elementi li huma jressqu sabiex jistabbilixxu b'mod partikolari li l-prezzijiet tagħhom u l-ispejjeż tagħhom fis-suq intern ma humiex distorti.

81 Għalhekk, fis-sistema stabbilita mill-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku, il-konstatazzjonijiet magħmula fir-rapport imsemmi f'din id-dispożizzjoni jistgħu, jekk ikun il-każ, ikollhom il-konsegwenza li l-oneru tal-prova kuntrarja jitqiegħed fuq il-produttur li jixtieq jiġi rrikonoxxut bħala impriża li l-prezzijiet tagħha fis-suq intern ma humiex distorti. Madankollu, hija l-Kummissjoni, fi kwalunkwe każ, li għandha tevalwa jekk l-elementi pprovduti mill-produttur humiex suffiċjenti għal dan l-għan u hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika jekk din l-evalwazzjoni hijiex ivvizzjata bi żball manifest (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-443/11, EU:T:2014:774, punt 165 u l-ġurisprudenza ċċitata).

82 Barra minn hekk, mill-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jirriżulta li l-oneru tal-prova li għalhekk jista' jaqa' fuq il-produtturi-esportaturi skont l-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku ma għandux ikun irraġonevoli (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-443/11, EU:T:2014:774, punt 166 u l-ġurisprudenza ċċitata).

83 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti u ta' Airoldi dwar l-analiżi mill-Kummissjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż.

84 Fl-ewwel lok, għandhom jiġu eżaminati l-argumenti ta' Airoldi li r-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, sa fejn jieħu l-forma ta' sempliċi dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni, ma josservax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku.

85 Il-Kummissjoni ssostni li dawn l-argumenti ta' Airoldi huma inammissibbli, peress li jmorru lil hinn mill-kuntest iddefinit mill-motivi u mit-talbiet tar-rikorrenti.

86 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 142(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li t-talbiet tat-talba għal intervent jista' jkollhom biss bħala suġġett is-sostenn, totali jew parzjali, tat-talbiet ta' waħda mill-partijiet.

87 Skont il-ġurisprudenza, parti li hija ammessa li tintervjeni f'kawża ma tistax tbiddel is-suġġett tal-kawża kif iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tal-partijiet prinċipali. Minn dan jirriżulta li huma ammissibbli biss l-argumenti ta' intervenjent li jaqgħu taħt il-kuntest iddefinit minn dawn it-talbiet u motivi (sentenza tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, EU:C:2014:2258, punt 27). Għalkemm, skont l-Artikolu 145(2)(b) tar-Regoli tal-Proċedura, in-nota ta' intervent għandha tinkludi l-motivi u l-argumenti invokati mill-intervenjent, dan madankollu ma jfissirx li dan tal-aħħar jista' jinvoka motivi ġodda, distinti minn dawk invokati mir-rikorrent. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tidħol fil-kuntest tal-limiti stabbiliti mill-proċedura ta' intervent u għandha tinqara fid-dawl tal-Artikolu 142 ta' dawn ir-regoli, li jipprovdi li l-għan tal-intervent jista' jkun biss li jiġu sostnuti, kompletament jew parzjalment, it-talbiet ta' waħda mill-partijiet, li dan huwa sekondarju għat-tilwima prinċipali u li l-intervenjent jidħol fil-kawża *in statu et terminis* (sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, DTS Distribuidora de Televisión Digital vs Il-Kummissjoni, C-449/14 P, EU:C:2016:848, punt 121).

88 Barra minn hekk, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-128/17, EU:C:2019:194), li s-suġġett tagħha kien l-annullament ta' direttiva, l-Istat Membru rikorrent sostna li huwa kien ġie mċaħħad mill-informazzjoni neċessarja sabiex jipparteċipa b'mod utli fil-proċess li wassal għall-adozzjoni tad-direttiva kkontestata. Stat Membru intervenjenti kien sostna min-naħa tiegħu li l-proċedura leġiżlattiva ma kinitx tmexxiet skont ir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea minħabba l-komunikazzjoni tardiva ta' ċerta informazzjoni u ta' ċerti dokumenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-argumenti hekk imressqa mill-Istat Membru intervenjent ma kinux jaqgħu fil-kuntest iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tal-parti prinċipali li insostenn tagħha kien seħħ l-intervent, u li għalhekk kienu inammissibbli (sentenza tat-13 ta' Marzu 2019, Il-Polonja vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-128/17, EU:C:2019:194, punti 78 sa 80).

89 Għaldaqstant, hija l-Qorti Ġenerali, sabiex tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tal-argumenti invokati minn Airoldi, li għandha tivverifika li dawn jaqgħu fil-kuntest definit mit-talbiet u l-motivi tar-rikorrenti, li hija tintervjeni insostenn tagħhom.

90 F'dan il-każ, permezz tal-argumenti tagħha li l-Kummissjoni tikkontesta l-ammissibbiltà tagħhom, Airoldi tikkontesta l-konformità tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż mal-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku. L-ewwel, Airoldi ssostni li r-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż huwa sempliċi dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Kummerċ" tal-Kummissjoni, li ma jidhirx li kien suġġett għal xi proċedura ta' approvazzjoni mill-kulleġġ tal-membri tiegħu. Dan huwa att amministrattiv intern tad-dipartimenti tad-DĠ "Kummerċ" tal-Kummissjoni li ma kienx suġġett għal reviżjoni mid-dipartimenti l-oħra tal-Kummissjoni. It-tieni, l-imsemmi rapport ma kienx is-suġġett ta' "pubblikazzjoni", skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament Bażiku, peress li ġie ppubblikat biss bl-Ingliż fuq is-sit internet tad-DĠ "Kummerċ" tal-Kummissjoni. It-tielet, lanqas ma ġie aġġornat u d-data ċċitata tmur lura għall-2017.

91 Waqt is-seduta, Airoldi ppreċiżat li, permezz ta' dan l-argument, hija kienet qiegħda tikkontesta l-legalità tal-proċedura ta' tfassil tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż. Hija sostniet li l-imsemmi rapport kien att ta' portata ġenerali irregolari fl-oriġini tiegħu u li l-argumenti tagħha kellhom jiġu interpretati fis-sens li tqajmu insostenn ta' eċċezzjoni ta' illegalità fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE.

92 Permezz ta' dawn l-argumenti, Airoldi tqajjem fir-realtà motiv ġdid insostenn tal-kritika tal-kalkolu tal-valur normali li jinsab fir-Regolament ikkontestat. Ċertament, ir-rikorrenti, fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel motiv u tar-raba' parti tat-tieni motiv, jikkontestaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, ibbażati fuq ir-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż li jikkonċernaw id-distorsjonijiet sinjifikattivi u huma jsostnu wkoll, permezz tas-seba' parti tat-tieni motiv tagħhom, li l-Kummissjoni wettqet determinazzjoni żbaljata tal-valur normali abbażi tal-imsemmi rapport. Madankollu, huma ma jqajmu ebda motiv ibbażat, bħala eċċezzjoni, fuq il-fatt li r-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż li għalih huma jirreferu diversi drabi huwa vvizzjat b'illegalità. B'mod partikolari, fil-punt 115 tar-rikors, huma jikkontestaw biss l-assenza ta' analiżi fil-fond, f'dan ir-rapport, tal-kundizzjonijiet applikati minnhom stess.

93 Waqt is-seduta, ir-rikorrenti ppreċiżaw li, fil-fehma tagħhom, ir-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż ma kellu ebda effett legali. Huma sostnew li huma ma kinux qegħdin jikkontestaw il-legalità tal-imsemmi rapport.

94 Minn dan isegwi li l-argumenti ta' Airoldi jirrigwardaw aspett tar-Regolament ikkontestat li ma ġiex ikkontestat mir-rikorrenti, jiġifieri l-legalità tal-proċedura ta' tfassil tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, li abbażi tiegħu ġie adottat ir-Regolament ikkontestat. Issa, l-argument tal-appellanti, li jirrigwarda biss l-użu tal-imsemmi rapport, huwa bbażat fuq il-premessa li dan ir-rapport huwa validu. Minn dan isegwi li l-motiv imqajjem minn Airoldi ma jaqax fil-kuntest iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tar-rikorrenti.

95 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li sostniet Airoldi matul is-seduta, eċċezzjoni ta' illegalità bħal dik invokata f'dan il-każ ma tistax tiġi eżaminata *ex officio* mill-Qorti Ġenerali, peress li din ma tikkostitwixxix motiv ta' ordni pubbliku.

96 Għaldaqstant, dan il-motiv imqajjem minn Airoldi u l-argumenti insostenn tiegħu huma inammissibbli u għandhom jiġu miċħuda bħala tali.

97 Fit-tieni lok, għandhom jiġu eżaminati l-argumenti tar-rikorrenti li jipprovdu li l-Kummissjoni ssuġġettathom għal dazji antidumping kumpensatorji minħabba evalwazzjoni globali sfavorevoli tal-ekonomija Ċiniża u abbażi ta' analiżi vaga u ipotetika, ibbażata fuq ir-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż. Il-proċedura hija bbażata fuq fatti vagi u potenzjali u l-investigazzjoni mmexxija li tikkonċernahom ma hijiex ibbażata fuq fatti, iżda fuq ideat ikkonċepiti minn qabel.

98 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif ġie rrilevat fil-punti 78 u 80 iktar'il fuq, minn naħa, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fid-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament Bażiku u, min-naħa l-oħra, hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi utli kollha relatati mas-sitwazzjoni tas-suq intern tal-esportaturi u tal-produtturi tal-pajjiż ikkonċernat u għandha tagħti l-possibbiltà lil dawn l-esportaturi u produtturi li juru b'mod konvinċenti li l-prezzijiet u l-ispejjeż tagħhom fis-suq intern ma humiex distorti.

99 F'dan il-każ, fil-premessa 139 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni indikat li kkonstatat l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-settur tal-prodotti kkonċernati, b'tali mod li l-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku kienet xierqa. F'dan ir-rigward, hija rreferiet, fit-Taqsima 3.2.1 tar-Regolament Provviżorju, għall-analiżi tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-settur tal-aluminju, li jinkludi l-prodott ikkonċernat, fiċ-Ċina.

100 B'mod iktar preċiż, fir-Regolament Provviżorju, il-Kummissjoni analizzat punt b'punt il-fatturi differenti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament Bażiku, jiġifieri l-eżistenza ta' suq ikkostitwit b'mod sinjifikattiv minn impriżi li jappartjenu lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur jew li joperaw taħt il-kontroll tagħhom (premessi 98 sa 104 tar-Regolament Provviżorju), liema preżenza tal-Istat f'impriżi tippermetti lill-awtoritajiet jinfluwenzaw l-istabbiliment tal-prezzijiet jew l-ispejjeż (premessi 105 sa 112 tar-Regolament Provviżorju), l-eżistenza ta' miżuri jew politiki pubbliċi diskriminatorji li jiffavorixxu lill-forniturі nazzjonali jew jinfluwenzaw b'xi mod ieħor il-forzi tas-suq liberu (premessi 113 sa 135 tar-Regolament Provviżorju), l-assenza, l-applikazzjoni diskriminatorja jew l-eżekuzzjoni mhux xierqa ta' liġijiet dwar il-falliment, l-impriżi jew il-proprjetà (premessi 136 sa 140 tar-Regolament Provviżorju), l-eżistenza ta' distorsjoni tal-ispejjeż tas-salarji (premessi 141 u 142 tar-Regolament Provviżorju) u l-eżistenza ta' aċċess għall-finanzjament mogħti minn istituzzjonijiet li jimplimentaw għanijiet ta' politika pubblika jew li ma jaġixxux b'mod indipendenti mill-Istat f'kull rigward ieħor (premessi 143 sa 153 tar-Regolament Provviżorju). Minn dan il-Kummissjoni ddeduċiet, fid-dawl ukoll tal-assenza ta' kooperazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi Ċiniżi, li ma kienx xieraq li jintużaw, f'dan il-każ, il-prezzijiet u l-ispejjeż fis-suq intern sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali (premessi 157 tar-Regolament Provviżorju).

101 Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni r-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, imdaħħal fil-fajl (premessa 73 tar-Regolament Provviżorju) kif ukoll l-istudji u r-rapporti li jinsabu fl-ilment ta' European Aluminium (premessa 74 tar-Regolament ikkontestat), jiġifieri rapport dwar il-kapaċitajiet żejda fiċ-Ċina, ippubblikat mill-Kamra tal-Kummerċ tal-Unjoni fiċ-Ċina, id-dokument tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) intitolat "Measuring distortions in international markets: the aluminium value chain" (Evalwazzjoni tad-distorsjonijiet fis-swieq internazzjonali: il-katina ta' valur tal-aluminju) (*OECD Trade Policy Papers*, Nru 218, Pariġi) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/915 tal-4 ta' Ġunju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu foil tal-aluminju f'rombli li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-[Regolament Bażiku] (ĠU 2019, L 146, p. 63). Minn diversi premessi u noti ta' qiegħ il-paġna tar-Regolament Provviżorju jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni wkoll data differenti disponibbli, li toriġina minn aġenziji tal-istampa, minn dokumenti u minn siti internet Ċiniżi, kif ukoll ta' dokument ta' ħidma tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) intitolat "Resolving China's Corporate Debt Problem" (WP/16/203) (premessi 91 sa 156 tar-Regolament Provviżorju).

102 L-awtoritajiet Ċiniżi la ppreżentaw osservazzjonijiet u lanqas ma pproduċew provi ta' natura li jinvalidaw il-provi eżistenti fil-fajl fl-istadju tal-ftuħ tal-proċedura u l-Kummissjoni informathom bl-intenzjoni tagħha li tuża l-Artikolu 18 tar-Regolament Bażiku, li jippermetti li jiġu stabbiliti konklużjonijiet abbażi tad-data disponibbli (premessi 66 u 76 tar-Regolament Provviżorju).

103 Ir-rikorrenti ppreżentaw osservazzjonijiet f'dan ir-rigward qabel l-adozzjoni tar-Regolament Provviżorju (premessa 77 tar-Regolament Provviżorju) kif ukoll osservazzjonijiet dwar ir-Regolament Provviżorju (premessi 95 u 96 tar-Regolament ikkontestat).

104 Mill-analiżi tad-diversi aspetti tas-suq Ċiniż, tal-varjetà ta' sorsi ta' data disponibbli fil-passat eżaminati mill-ġdid, li ma humiex limitati għar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, u mill-konklużjonijiet misluta minn dawn is-sorsi jirriżulta li l-Kummissjoni, mhux talli ma llimitatx ruħha għal analiżi vaga u ipotetika kif jallegaw ir-rikorrenti, iżda talli bbażat il-konklużjonijiet tagħha dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż fuq analiżi

oġġettiva tad-data disponibbli rilevanti, eżaminat bir-reqqa u b'imparzjalità l-elementi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni u ma marritx lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa rrikonoxxut lilha mill-ġurisprudenza f'dan il-qasam (ara l-punt 77 iktar 'il fuq).

105 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż ma tistax titqies li hija pprovata awtomatikament għall-esportaturi kollha kkonċernati. Il-partijiet ikkonċernati għandhom id-dritt li jinstemgħu sabiex jagħtu prova tal-assenza ta' distorsjonijiet fir-rigward tagħhom. Il-Kummissjoni allegatament injorat il-provi prodotti minnhom.

106 L-ewwel, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-prezzijiet tagħhom fis-suq Ewropew huma konformi ma' dawk tal-produtturi Ewropej, li l-metodu ta' kalkolu tal-prezz medju tal-prodotti estrużi Ewropej huwa manifestament żbaljat u li l-ishma tas-suq rilevanti fl-Ewropa ġew mibdula.

107 Madankollu, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni u kif ir-rikorrenti rrikonoxxew waqt is-seduta, il-prezzijiet applikati minnhom fis-suq Ewropew ma humiex rilevanti għall-kalkolu tal-valur normali, li huwa bbażat fuq il-prezzijiet fil-pajjiż esportatur (Artikolu 2(1) tar-Regolament Bażiku) jew fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni jew ta' bejgħ korrispondenti f'pajjiż rappreżentattiv xieraq (Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku). Il-prezzijiet applikati mir-rikorrenti fis-suq Ewropew lanqas ma huma rilevanti għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-sens tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament Bażiku, li fir-rigward tagħha l-kriterju rilevanti jikkonsisti, f'dan il-każ, fid-determinazzjoni ta' jekk is-settur tal-estrużjonijiet tal-aluminju huwiex affettwat minn distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż.

108 Għalhekk dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

109 It-tieni, ir-rikorrenti jsostnu li wrew li huma ma bbenefikawx minn kundizzjonijiet privileġġati għall-finanzjamenti miksuba matul il-perijodu ta' investigazzjoni, u lanqas minn politika preferenzjali, u jippreżentaw data dwar ir-rata ta' interessi għall-finanzjamenti tagħhom matul dan il-perijodu. Il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni dawn l-elementi fil-premessa 103 tar-Regolament ikkontestat.

110 Madankollu, mill-qari tal-premessa 103 tar-Regolament ikkontestat jidher li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' self mogħti minn banek tal-Istat u mhux ir-rata ta' interessi ta' dan is-self. Fil-fatt, ir-rata ta' interessi, anki jekk din hija varjabbli importanti, hija biss wieħed mill-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' finanzjamenti vantaġġużi. Kunsiderazzjonijiet oħra, bħall-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-finanzjament, il-kundizzjonijiet għas-solvenza tal-entitajiet iffinanzjati u t-termini għall-ipproċessar u l-ħlas jistgħu jkunu determinanti wkoll. L-argument tar-rikorrenti, limitat għar-rati ta' interessi applikati għall-finanzjamenti tagħhom, għalhekk ma huwiex biżżejjed sabiex jinvalida r-raġunament tal-Kummissjoni.

111 It-tielet, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma tathomx l-opportunità li juru li l-prezzijiet tagħhom ma humiex suġġetti għal distorsjonijiet.

112 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-punti 10 u 13 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti kellhom l-opportunità jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż kemm qabel l-adozzjoni tar-Regolament Provviżorju kif

ukoll qabel l-adozzjoni tar-Regolament ikkontestat. Barra minn hekk, mill-qari ta' dawn ir-regolamenti jidher li parti mit-taqsimiet iddedikati għall-analiżi tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż hija ddedikata għar-risposti mogħtija għall-argumenti tar-rikorrenti.

113 Għalhekk, ir-rikorrenti tpoġġew f'pożizzjoni li jesprimu b'mod utli l-opinjonijiet tagħhom fuq ir-realtà u r-rilevanza tal-fatti u taċ-ċirkustanzi allegati kif ukoll fuq il-provi kkunsidrati mill-Kummissjoni insostenn tal-konklużjoni tagħha dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż. Barra minn dan huma ma jippreżentaw l-ebda element li ma setgħux isostnu jew li ma kellhomx l-okkażjoni li jippreżentaw quddiem il-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2014, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-643/11, EU:T:2014:1076, punt 42).

114 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma jippreżentawx b'mod iktar iddettaljat l-allegati provi, minbarra dawk eżaminati fil-punti 106 sa 110 iktar 'il fuq, li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni. Għaldaqstant, dan l-argument ma huwiex preċiż biżżejjed sabiex jippermetti lill-konvenut jipprepara d-difiża tiegħu u lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fuq ir-rikors u għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni, T-228/17, EU:T:2019:619, punti 166 u 167 u l-ġurisprudenza ċċitata).

115 Ir-raba', matul is-seduta, ir-rikorrenti żiedu li huma ma ġewx ikkonsultati waqt it-tfassil tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, li jfisser li l-użu tiegħu fil-każ tagħhom huwa vvizzjat minn ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom.

116 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura, ebda motiv ġdid ma jista' jiġi ppreżentat matul il-kawża sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li joħorġu matul il-proċedura jew sakemm jikkostitwixxu estensjoni ta' motiv imsemmi preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li jkollhom rabta mill-qrib miegħu (ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2019, Intas Pharmaceuticals vs EUIPO – Laboratorios Indas (INTAS), T-380/18, EU:T:2019:782, punt 26 (mhux ippubblikata) u l-ġurisprudenza ċċitata). Skont il-ġurisprudenza, l-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura japplika wkoll għall-ilmenti jew għall-argumenti. Barra minn hekk, il-ġeneralità tat-titolu ta' motiv invokat fl-istadju tar-rikors promotur ma tistax tkopri l-iżvilupp, fi stadju ulterjuri tal-proċedura, ta' argumenti speċifiċi li ma għandhomx rabta suffiċjentement stretta mal-argumenti mressqa f'dan ir-rikors (ara s-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021, AQ vs eu-LISA, T-164/19, mhux ippubblikata, EU:T:2021:456, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata).

117 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li mir-rikors bl-ebda mod ma jirriżulta li kien hemm allegat ksur tad-drittijiet tad-difiża, kif deskritt fil-punt 115 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, kif intqal fil-punti 92 sa 94 iktar 'il fuq, ir-rikorrenti, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, ma kkontestawx il-legalità tal-proċedura ta' tfassil tar-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż.

118 Fi kwalunkwe każ, minn naħa, ir-Regolament Bażiku ma jipprevedix il-konsultazzjoni tal-produtturi esportaturi tal-pajjiż terz ikkonċernat mir-rapport previst mill-Artikolu 2(6a)(c) tal-imsemmi regolament għall-finijiet tat-tfassil ta' dan ir-rapport, li jikkostitwixxi dokument ta' portata ġenerali u li jista' jiġi applikat għal diversi każijiet speċifiċi. Min-naħa l-oħra, id-drittijiet tar-rikorrenti ġew kompletament irrispettati meta ġie applikat ir-rapport dwar id-distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, kif jirriżulta mill-punti 103 u 105 iktar 'il fuq.

119 Konsegwentement, l-argument imressaq mir-rikorrenti fis-seduta, li għandu jiġi kkunsidrat bħala ġdid u għalhekk inammissibbli, għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi miċħud bħala infondat.

120 Għaldaqstant, dawn l-argumenti tar-rikorrenti u, magħhom, ir-raba' parti kollha tat-tieni motiv, għandhom jiġu miċħuda.

c) Fuq l-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv

121 Fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-ħames u tas-sitt parti tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kkonkludiet b'mod żbaljat li kien hemm distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż, li, fi kwalunkwe każ, ma jikkonċernawhomx. Konsegwentement, skont ir-rikorrenti, hija kienet żbaljata meta użat pajjiż rappreżentattiv għall-kalkolu tal-valur normali. Barra minn hekk, ma kienx hemm dibattitu kontradittorju dwar l-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv.

122 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-argumenti tar-rikorrenti dwar il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fis-suq Ċiniż ġew miċħuda fil-kuntest tal-eżami tat-tielet parti ta' dan il-motiv u tar-raba' parti tat-tieni motiv. Barra minn hekk, kif hija ssostni, il-Kummissjoni ppubblikat, fis-16 ta' Marzu 2020, l-ewwel nota fil-fajl dwar is-sorsi użati għad-determinazzjoni tal-valur normali, li permezz tagħha, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew ta' valuri ta' referenza mhux distorti, hija identifikat diversi pajjiżi rappreżentattivi potenzjali. Il-Kummissjoni ġabret osservazzjonijiet dwar din l-ewwel nota u ppubblikat it-tieni nota fil-25 ta' Ġunju 2020, li fiha wieġbet għall-osservazzjonijiet u informat lill-partijiet ikkonċernati li hija kellha l-intenzjoni li tagħżel lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv.

123 Peress li r-rikorrenti ma ressqux argumenti addizzjonali fil-kuntest ta' din il-parti f'dan ir-rigward, dawn l-allegazzjonijiet għandhom jiġu miċħuda.

124 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv hija żbaljata.

125 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li, fejn jitqies li ma huwiex xieraq li wieħed jibbaża ruħu fuq il-prezzijiet u l-ispejjeż fis-suq intern tal-pajjiż esportatur minħabba l-eżistenza, f'dan il-pajjiż, ta' distorsjonijiet sinjifikattivi, il-valur normali huwa kkalkolat esklużivament abbażi tal-ispejjeż ta' produzzjoni u ta' bejgħ li jirrappreżentaw prezzijiet jew valuri ta' referenza mhux distorti. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni tista' tuża bħala sorsi ta' informazzjoni, b'mod partikolari, l-ispejjeż korrispondenti tal-produzzjoni u l-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq, li għandu livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur.

126 Din id-dispożizzjoni ddaħħlet fir-Regolament Bażiku permezz tar-Regolament li Jemenda r-Regolament Bażiku, li ssostitwixxa wkoll id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) preċedenti tal-istess regolament, li jipprovdu li "[kien] jiġi magħżul pajjiż terz xieraq b'ekonomija tas-suq b'manjiera li ma tkunx irraġonevoli, filwaqt jitqies kull tagħrif affidabbli li jsir disponibbli fiż-żmien tal-għażla". Mill-formulazzjoni tagħhom jirriżulta li l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku u l-ex Artikolu 2(7)(a) tal-istess regolament għandhom l-istess għan, jiġifieri li jiġi ddeterminat il-metodu ta' kalkolu tal-valur normali fil-każ ta' importazzjonijiet minn pajjiżi li l-prezzijiet u l-ispejjeż tagħhom fis-suq intern ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni minħabba kundizzjonijiet tas-suq fil-pajjiż ikkonċernat. Madankollu, dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom formulazzjoni differenti, li jfisser, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, li l-ġurisprudenza li tinterpreta l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament Bażiku preċedenti tista' tiġi

trasposta biss parzjalment għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku. Fil-fatt, din l-aħħar dispożizzjoni tintroduċi definizzjoni differenti tal-pajjiż rappreżentattiv, li għandu jkun "xieraq" u għandu jkollu "livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħall-pajjiż esportatur". Fir-rigward tad-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, din l-istess dispożizzjoni tippreċiża li din hija data "rilevanti", sa fejn din tkun disponibbli. Ġie introdott ukoll element ta' klassifikazzjoni bejn diversi pajjiżi rappreżentattivi xierqa, peress li huwa speċifikat li l-preferenza, għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv, għandha tkun favur il-pajjiżi "li għandhom livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali".

127 Madankollu, hija ġurisprudenza stabbilita li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jgawdu minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tad-determinazzjoni tal-valur normali għal pajjiżi li ma għandhomx ekonomija tas-suq (ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni, T-228/17, EU:T:2019:619, punt 126 u l-ġurisprudenza ċċitata) u li l-għażla tal-pajjiż analogu għal dan l-għan taqa' wkoll fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandhom l-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni, minħabba l-kumplessità tas-sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi li huma għandhom jeżaminaw (ara s-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Shanxi Taigang Stainless Steel vs Il-Kummissjoni, C-436/18 P, EU:C:2019:643, punt 30 u l-ġurisprudenza ċċitata). Din il-ġurisprudenza tapplika wkoll għall-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku, li jillimita, madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni sa fejn il-pajjiż magħżul għandu jkollu livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur.

128 Ġie deċiż ukoll li kellu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni kinitx naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni elementi essenzjali jew rilevanti sabiex tiġi stabbilita n-natura xierqa tal-pajjiż magħżul u jekk l-elementi tal-fajl kinux ġew eżaminati bid-diliġenza kollha meħtieġa sabiex ikun jista' jitqies li l-valur normali tal-prodott ikkonċernat kien ġie ddeterminat b'mod xieraq u mhux b'mod irraġonevoli (ara s-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland, C-687/13, EU:C:2015:573, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-23 ta' April 2018, Shanxi Taigang Stainless Steel vs Il-Kummissjoni, T-675/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:209, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Mejju 1997, Rotexchemie, C-26/96, EU:C:1997:261, punti 23 u 24). Din il-ġurisprudenza tista' tiġi trasposta għal sitwazzjonijiet fejn l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinjifikattivi fil-pajjiż esportatur tiġġustifika l-użu tad-data minn pajjiż rappreżentattiv xieraq għall-kalkolu tal-valur normali, li jinvolvi wkoll l-eżami ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi u politiċi kumplessi.

129 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku, il-qrati tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni ma naqsitx milli tieħu inkunsiderazzjoni elementi essenzjali sabiex tistabbilixxi n-natura xierqa tal-pajjiż magħżul. Għal dan l-għan, huma l-imsemmija istituzzjonijiet, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-possibbiltajiet l-oħra disponibbli, li għandhom isibu pajjiż terz li għandu livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur. Fejn tkun possibbli l-għażla ta' diversi pajjiżi fid-dawl tad-data faċilment disponibbli, il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi komparattiva ta' dawk il-pajjiżi differenti u tagħti preferenza lill-pajjiżi li japplikaw livell adegwat ta' protezzjoni soċjali u ambjentali.

130 F'dan il-każ, il-Kummissjoni ppubblikat, fis-16 ta' Marzu 2020, l-ewwel nota fil-fajl dwar is-sorsi użati għad-determinazzjoni tal-valur normali, li permezz tagħha, abbażi tal-kriterji li jiggwidaw l-għażla ta' prezzijiet jew ta' valuri ta' referenza mhux distorti, hija identifikat il-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali li ġejjin: Il-Brażil, il-Kolombja, l-Ekwador, ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, il-Kazakistan, il-Malasja, il-Mawrizju, il-Messiku, il-Montenegro, ir-Russja, is-Serbja, is-Sri Lanka, it-Tajlandja u t-Turkija (premessi 35 u 161 tar-Regolament Provviżorju). Wara

l-osservazzjonijiet li rċeviet, hija informat lill-partijiet ikkonċernati, permezz ta' nota tal-25 ta' Ġunju 2020, li hija kellha l-intenzjoni li tadotta lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv (premessi 37 u 164 tar-Regolament Provviżorju). Il-kriterji għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv kienu, l-ewwel, livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina, it-tieni, li l-prodott investigat ikun manifatturat f'dan il-pajjiż u, it-tielet, id-disponibbiltà tad-data pubblika rilevanti f'dan il-pajjiż (premessa 159 tar-Regolament Provviżorju). Il-Kummissjoni fakkret li tingħata preferenza, jekk ikun il-każ, lill-pajjiż b'livell xieraq ta' protezzjoni soċjali u ambjentali (premessa 159 tar-Regolament Provviżorju). Wara li eżaminat l-osservazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati wara l-informazzjoni finali, il-Kummissjoni kkonfermat, fil-premessa 152 tar-Regolament ikkontestat, l-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv.

131 F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-fatt li l-oneru tal-prova jaqa' fuq ir-rikorrent, li għandu jipproduċi provi konklużivi insostenn tal-allegazzjoni tiegħu (ara s-sentenza tad-19 ta' Settembru 2019, Zhejiang Jndia Pipeline Industry vs Il-Kummissjoni, T-228/17, EU:T:2019:619, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata), għandu jiġi vverifikat jekk ir-rikorrenti pproduċewx provi ta' natura li juru li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta għażlet lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv.

132 Ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni segwiet lil European Aluminium meta għażlet lit-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv. Huma jsostnu li din l-għażla ma tiħux inkunsiderazzjoni n-numru ta' abitanti taċ-Ċina u tat-Turkija u tad-domanda interna li, minħabba l-prinċipju tal-ekonomija ta' skala, timplika li ż-żieda fil-produzzjoni twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż fissi. Skont ir-rikorrenti, din l-għażla ma tosservax il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza preċedenti, li abbażi tagħha huma l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni alternattivi disponibbli, li għandhom jipprovaw li jsibu pajjiż terz fejn il-prezz ta' prodott simili huwa stabbilit f'ċirkustanzi daqstant paragunabbli kemm jista' jkun ma' dawk tal-pajjiż ta' esportazzjoni, bil-kundizzjoni li dan ikun pajjiż b'ekonomija tas-suq (sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland, C-687/13, EU:C:2015:573, punt 49).

133 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-ġurisprudenza invokata mir-rikorrenti tikkonċerna l-għażla ta' "pajjiż terz b'ekonomija tas-suq" skont l-Artikolu 2(7)(a) preċedenti tar-Regolament Bażiku. Għalhekk, il-parametri kollha stabbiliti mis-sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, Fliesen-Zentrum Deutschland (C-687/13, EU:C:2015:573), ma jistgħux jiġu trasposti awtomatikament bħala tali fl-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament Bażiku. B'mod iktar preċiż, din l-aħħar dispożizzjoni teħtieġ li l-pajjiż rappreżentattiv xieraq jippreżenta "livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħall-pajjiż esportatur", u mhux li jkun pajjiż b'ekonomija tas-suq, u tipprevedi parametru addizzjonali, dwar l-applikazzjoni ta' livell xieraq ta' protezzjoni soċjali u ambjentali. Minn dan isegwi li l-kriterju li issa għandu jiġi osservat huwa l-livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak tal-pajjiż esportatur. Huwa b'osservanza ta' dan il-kriterju li l-parti essenzjali tal-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 2(7)(a) preċedenti tar-Regolament Bażiku tibqa' applikabbli, jiġifieri li l-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha fuq pajjiż terz fejn il-prezz ta' prodott simili huwa stabbilit f'ċirkustanzi kemm jista' jkun paragunabbli ma' dawk tal-pajjiż ta' esportazzjoni, skont id-dmir ta' diliġenza li għandha l-Kummissjoni abbażi tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 127 iktar 'il fuq.

134 Il-Kummissjoni bbażat l-għażla tagħha tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv fuq il-kriterji msemmija fil-punt 130 iktar 'il fuq. Fost dawn il-kriterji, l-ewwel wieħed huwa l-livell ta' żvilupp ekonomiku simili għal dak taċ-Ċina. Fil-premessa 159 tar-Regolament Provviżorju, il-Kummissjoni spjegat li hija kienet użat pajjiżi bi dħul nazzjonali gross simili għaċ-Ċina billi bbażat ruħha fuq id-data tal-Bank Dinji. Hija ppreċiżat, fil-premessa 151 tar-Regolament

ikkontestat, li t-Turkija kellha l-istess livell ta' żvilupp bħaċ-Ċina skont il-klassifikazzjoni tal-Bank Dinji (dħul medju superjuri) u għalhekk kienet tikkostitwixxi pajjiż rappreżentattiv. Hija qieset ukoll il-fatt li l-investigazzjoni kienet żvelat li l-estrużjoni tal-aluminju magħmula miż-żewġ tipi ta' ligi, ibsin u rotob, kienu prodotti fit-Turkija.

135 Ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-fatt li t-Turkija għandha livell ta' żvilupp simili għal dak taċ-Ċina. L-argument tagħhom ibbażat fuq argument ta' ekonomija ta' skala, ibbażat fuq il-fatt li ċ-Ċina għandha numru ta' abitanti ikbar minn dak tat-Turkija u li d-domanda interna hija differenti, ma jistax jinvalida l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni. Minn naħa, bl-ebda mod ma jirriżulta mir-Regolament Bażiku li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-popolazzjoni tal-pajjiżi meta tagħżel il-pajjiż rappreżentattiv. Min-naħa l-oħra, peress li ċ-Ċina hija l-pajjiż bl-ikbar popolazzjoni fid-dinja, ma jkunx raġonevoli li l-Kummissjoni tintalab tagħżel bħala pajjiż rappreżentattiv pajjiż b'popolazzjoni ekwivalenti. Għall-istess raġuni, l-argument tar-rikorrenti dwar id-domanda interna u l-ekonomija tal-iskala lanqas ma jista' jiġi aċċettat.

136 Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma wrewx li l-Kummissjoni kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni fl-għażla tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv.

137 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jargumentaw li l-għażla tal-pajjiż ta' referenza hija vvizzjata minn nuqqas ta' motivazzjoni. Il-Kummissjoni ma ppreċiżatx għaliex il-prezz applikat mill-produtturi Torok iċċitati fir-Regolament Provviżorju jista' jkun element ta' paragun u ma spjegatx il-proċess tal-istabbiliment tal-prezz ta' dawn l-impriżi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma mmotivatx fir-Regolament ikkontestat il-komparabbiltà tat-Turkija bħala pajjiż rappreżentattiv u ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda d-differenza fit-tipoloġiji u l-kwantitajiet tal-prodotti mmanifatturati.

138 Skont ġurisprudenza stabbilita, in-nuqqas ta' motivazzjoni jew motivazzjoni insuffiċjenti tikkostitwixxi motiv ibbażat fuq il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, distint, bħala tali, mill-motiv ibbażat fuq l-ineżattezza tar-raġunijiet tad-deċiżjoni, li l-istħarriġ tiegħu jaqa' taħt l-eżami tal-mertu ta' din id-deċiżjoni (sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2009, Qualcomm vs Il-Kummissjoni, T-48/04, EU:T:2009:212, punt 175, u tat-18 ta' Ottubru 2016, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-351/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:616, punt 110). Il-motivazzjoni meħtieġa mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Eurocoton *et* vs Il-Kunsill, C-76/01 P, EU:C:2003:511, punt 88, u tat-12 ta' Diċembru 2014, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-643/11, EU:T:2014:1076, punt 129 (mhux ippubblikata)).

139 F'dan id-dawl, l-istituzzjonijiet ma humiex obbligati jindirizzaw, fil-motivazzjoni tar-Regolament Provviżorju jew Definittiv, il-punti ta' fatt u ta' liġi kollha invokati mill-persuni kkonċernati matul il-proċedura amministrattiva (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, T-192/08, EU:T:2011:619, punt 256 u l-ġurisprudenza ċċitata).

140 F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li l-Kummissjoni wettqet, fil-premessi 159 sa 165 tar-Regolament Provviżorju u fil-premessi 142 sa 152 tar-Regolament ikkontestat, espożizzjoni ċara u inekwivoka tal-kriterji rilevanti għall-għażla tal-pajjiż rappreżentattiv u r-raġunijiet li wasslu għall-għażla tat-Turkija. Fil-fatt, il-Kummissjoni qabelxejn esponiet il-kriterji użati (premessa 159 tar-Regolament Provviżorju), indikat il-lista tal-pajjiżi rappreżentattivi potenzjali

(premessa 161 tar-Regolament Provviżorju), spjegat il-proċedura ta' konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (premessi 160 sa 163 tar-Regolament Provviżorju u premessi 143 u 144 tar-Regolament ikkontestat) u spjegat għalfejn l-osservazzjonijiet ta' ċerti partijiet ikkonċernati ma setgħux jintlaqgħu (premessi 163 u 164 tar-Regolament Provviżorju u premessi 145 sa 151 tar-Regolament ikkontestat). Għalhekk, il-Kummissjoni spjegat li ż-żewġ tipi ta' ligi, ibsin u rotob, kienu prodotti fit-Turkija (premessa 164 tar-Regolament Provviżorju), li l-Unjoni Doganali ma setgħetx tagħmel lit-Turkija pajjiż rappreżentattiv mhux xieraq (premessa 147 tar-Regolament ikkontestat), li t-Turkija kienet l-iktar pajjiż rappreżentattiv xieraq abbażi tad-data disponibbli dwar l-istandards ambjentali u soċjali (premessa 148 tar-Regolament ikkontestat), u li t-Turkija kellha l-istess livell ta' żvilupp bħaċ-Ċina skont il-klassifikazzjoni tal-Bank Dinji (premessa 151 tar-Regolament ikkontestat).

141 Barra minn hekk, l-argument li l-Kummissjoni injorat l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti f'dak li jikkonċerna d-differenza fit-tipoloġiji u l-kwantitajiet tal-prodotti mmanifatturati għandu t-tendenza li jikkontesta l-fondatezza tar-Regolament ikkontestat. Dan ġie miċħud fil-punti 51 u 56 sa 68 iktar 'il fuq.

142 Għaldaqstant, fid-dawl tal-fatt li l-istituzzjonijiet ma humiex obbligati jindirizzaw il-punti ta' fatt u ta' liġi kollha invokati mill-persuni kkonċernati matul il-proċedura amministrattiva, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-istituzzjonijiet bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

143 Għaldaqstant, dawn l-argumenti tar-rikorrenti u l-ħames u s-sitt parti tat-tieni motiv għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.

[*omissis*]

2. Fuq it-tielet motiv, ibbażat fuq żbalji mwettqa mill-Kummissjoni meta hija kkonkludiet li kien hemm dannu għall-industrija tal-Unjoni u li kien hemm rabta kawżali

153 Fil-kuntest tat-tielet motiv tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw, essenzjalment, erba' partijiet u huma sostnuti minn Airoldi, li tinvoka wkoll żewġ partijiet.

154 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Bażiku jiddefinixxi l-kunċett ta' "dannu" bħala li jfisser, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, b'mod partikolari, dannu sinjifikattiv lill-industrija tal-Unjoni jew theddida ta' dannu sinjifikattiv għal din l-industrija u li jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu għall-interpretazzjoni ta' dan il-kunċett.

155 L-Artikolu 3(2) tar-Regolament Bażiku jirregola d-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu. Din għandha tkun ibbażata fuq provi pożittivi u tinkludi eżami oġġettiv, minn naħa, tal-volum ta' importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping u tal-effett li dawn l-importazzjonijiet għandhom fuq il-prezzijiet tal-prodotti simili fis-suq tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, tal-effett ta' dawn l-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni.

156 L-Artikolu 3(3) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li, f'dak li jirrigwarda l-volum tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping, huwa xieraq li "jittieħed kont ta' jekk kienx hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping, kemm jekk f'termini assoluti kif ukoll jekk relattivament għall-produzzjoni jew għall-konsum fl-Unjoni", li, "[f]ir-rigward tal-effett tal-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq prezzijiet, għandu jittieħed kont ta' jekk kienx hemm undercutting sinifikanti fil-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping meta mqabbla mal-prezz ta' prodott simili tal-industrija tal-Unjoni, jew jekk

l-effett ta' tali importazzjonijiet huwiex mod ieħor biex iwaqqa' l-prezzijiet għal grad sinifikanti jew biex jipprevjeni żidiet fil-prezz, li b'mod ieħor kienu jseħħu, sa grad sinifikanti" u li "ebda wieħed jew iktar minn dawn il-fatturi ma jista neċessarjament jagħti gwida deċiżiva".

157 L-Artikolu 3(5) tar-Regolament Bażiku jipprevedi li l-eżami tal-effett tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kkonċernata għandu jinkludi evalwazzjoni tal-fatturi u tal-indizji ekonomiċi rilevanti kollha li jaffettwaw is-sitwazzjoni ta' din l-industrija, filwaqt li l-Artikolu 3(6) tar-Regolament Bażiku jippreċiża li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni huma obbligati jistabbilixxu, bl-għajnuna tal-provi rilevanti kollha relatati mas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, l-eżistenza ta' dannu mġarrab minn din l-industrija. B'mod speċifiku, dan l-artikolu jipprevedi li tali prova tinvolvi li jintwera li l-volum jew il-livelli tal-prezzijiet identifikati fil-paragrafu 3 tiegħu għandhom impatt fuq l-industrija tal-Unjoni fis-sens tal-paragrafu 5 ta' dan l-istess artikolu, u li dak l-impatt huwa tali li jista' jitqies li huwa sinjifikattiv (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Transnational Company "Kazchrome" u ENRC Marketing vs Il-Kunsill, C-10/12 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:865, punt 49).

158 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-determinazzjoni tad-dannu jippreżupponi l-evalwazzjoni ta' kwistjonijiet ekonomiċi kumplessi. F'dan l-eżerċizzju, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' (ara s-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1991, Nakajima vs Il-Kunsill, C-69/89, EU:C:1991:186, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-444/11, EU:T:2014:773, punt 226 u l-ġurisprudenza ċċitata). L-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali evalwazzjoni għandu għalhekk ikun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura, tal-eżattezza materjali tal-fatti kkunsidrati, tal-assenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni ta' dawn il-fatti jew tal-assenza ta' użu ħażin ta' poter. Dan huwa b'mod partikolari l-każ f'dak li jikkonċerna d-determinazzjoni tal-fatturi li jikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni fil-kuntest ta' investigazzjoni antidumping (ara s-sentenza tal-20 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs Hubei Xinyegang Special Tube, C-891/19 P, EU:C:2022:38, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

159 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li huma r-rikorrenti li għandhom jipproduċu l-provi li jippermettu lill-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni tad-dannu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, Gold East Paper u Gold Huasheng Paper vs Il-Kunsill, T-444/11, EU:T:2014:773, punt 228 u l-ġurisprudenza ċċitata).

160 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat it-tielet motiv tar-rikorrenti.

a) Fuq il-fatturi u l-indizji ekonomiċi li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni

161 Fil-kuntest tal-ewwel parti tagħhom, ir-rikorrenti jressqu, essenzjalment, erba' lmenti sabiex isostnu li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat id-diversi fatturi u indizji ekonomiċi li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

1) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni

162 Fil-kuntest tal-ewwel ilment tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li s-sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni huwa ogħla minn 85 %. Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li, meta l-produtturi tal-Unjoni jkollhom sehem mis-suq sinjifikattiv, ma hijiex

kwistjoni ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni. Sehem mis-suq għoli tal-industrija tal-Unjoni naturalment jagħtiha pożizzjoni b'saħħitha li teskludi konstatazzjoni ta' vulnerabbiltà tal-impriżi tal-Unjoni.

163 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, kif jirriżulta mill-punti 154 sa 159 iktar 'il fuq, li r-Regolament Bażiku ma jipprevedi ebda limitu ta' sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni li taħtu l-imsemmija industrija ma tistax titqies li ġarrbet dannu materjali fis-sens tal-Artikolu 3(1) tal-imsemmi regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'dan ir-rigward.

164 F'dan ir-rigward, ma jistax jiġi kkontestat li l-iżvilupp tas-sehem fis-suq tal-industrija tal-Unjoni jikkostitwixxi fattur ta' importanza sinjifikattiva sabiex tiġi evalwata l-eżistenza ta' dannu sinjifikattiv għad-detriment tal-imsemmija industrija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2007, Aluminium Silicon Mill Products vs Il-Kunsill, T-107/04, EU:T:2007:85, punt 65).

165 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, għalkemm l-eżami tal-istituzzjonijiet għandu jwassal għall-konklużjoni li d-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni huwa kbir, ma huwiex meħtieġ li l-fatturi u l-indizji ekonomiċi rilevanti kollha juru tendenza negattiva (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, CHEMK u KF vs Il-Kunsill, T-190/08, EU:T:2011:618, punt 114). Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li ċerti fatturi ta' dannu tjiebu matul il-perijodu kkunsidrat ma jfissirx madankollu li l-industrija tal-Unjoni ma ġarrbitx dannu materjali (sentenza tat-23 ta' April 2018, Shanxi Taigang Stainless Steel vs Il-Kummissjoni, T-675/15, mhux ippubblikata, EU:T:2018:209, punt 93; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2000, Miwon vs Il-Kunsill, T-51/96, EU:T:2000:92, punt 105).

166 F'dan il-każ, sabiex tikkonkludi li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali, fit-Taqsimiet 4 u 5 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni analizzat l-effett tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping billi evalwat indikaturi ekonomiċi differenti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament Bażiku.

167 Għalhekk, mit-tabella Nru 5, riprodotta fil-premessa 229 tar-Regolament ikkontestat, jirriżulta li s-sehem mis-suq tal-bejgħ fis-suq liberu tal-industrija tal-Unjoni kien ta' 84.4 % matul il-perijodu ta' investigazzjoni u li dan kellu tnaqqis ta' 4 % matul il-perijodu kkunsidrat. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll tabella li tieħu inkunsiderazzjoni l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ara l-premessa 35 tar-Regolament ikkontestat), anki jekk dan il-ħruġ sar effettiv wara l-perijodu ta' investigazzjoni u l-perijodu kkunsidrat. Għalhekk, mit-tabella Nru 5a, riprodotta fil-premessa 275 tar-Regolament ikkontestat, jirriżulta li, billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni r-Renju Unit, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kien ta' 85.4 % matul il-perijodu ta' investigazzjoni u kien tilef 3.0 punti perċentwali matul il-perijodu kkunsidrat.

168 Fil-premessi 226 u 227 tar-Regolament ikkontestat, huwa spjegat li l-konsum tal-Unjoni fis-suq liberu żdied b' 6 %, liema perċentwali huwa kkonfermat, għall-industrija tal-Unjoni mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tar-Renju Unit, permezz tat-tabella Nru 4a riprodotta fil-premessa 271 tar-Regolament ikkontestat.

169 Il-Kummissjoni kkonfermat, fil-premessa 254 tar-Regolament ikkontestat, il-konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni esposti fil-premessi 271 sa 274 tar-Regolament Provviżorju. Dawn huma, b'mod partikolari, il-konklużjonijiet li jgħidu li huwa indikat dan li ġej:

> "271. Diversi indikaturi wrew xejra pożittiva bħall-produzzjoni, il-kapaċità, il-volum ta' bejgħ fis-suq tal-Unjoni u l-impjiegi. Madankollu, l-iżvilupp pożittiv ta' dawn l-indikaturi kien relatat maż-żieda fil-konsum u, fil-fatt, dawn l-indikaturi kellhom jiżdiedu b'mod aktar b'saħħtu, li kieku l-industrija tal-Unjoni kienet f'pożizzjoni li tibbenefika għalkollox mis-suq dejjem jikber. Tabilħaqq, minkejja ż-żieda fil-volum tal-bejgħ, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq fis-suq ħieles.
>
> 272. Il-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq ħieles żdiedu b'19 %. Madankollu, dawn iż-żidiet fil-prezzijiet ma laħqux maż-żidiet fil-kostijiet (20 %). Dan l-iżvilupp kien ikkawżat mit-trażżin tal-prezzijiet. L-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet bl-istess mod li l-kostijiet kienu qed jiżdiedu minħabba l-pressjoni 'l isfel ikkawżata mill-importazzjonijiet miċ-Ċina li baxxiet il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni. Meta wieħed iżomm f'moħħu li l-livelli ta' profittabbiltà kienu taħt il-livell ta' profitt fil-mira matul il-perjodu kkunsidrat, u l-volumi u l-prezzijiet baxxi tal-importazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żidiet fil-prezzijiet kienu ġew imrażżna matul il-perjodu kkunsidrat. Bħala konsegwenza, l-indikaturi tal-prestazzjoni finanzjarja, jiġifieri l-profittabbiltà, ir-redditu fuq l-investiment u l-fluss tal-flus kollha wrew tendenza ta' tnaqqis, u l-profitti li saru kienu aktar baxxi mil-livell ta' profitt fil-mira matul il-perjodu kkunsidrat. Dan huwa partikolarment ta' dannu minħabba li s-suq għall-prodott investigat kien qed jikber fil-perjodu kkunsidrat, iżda l-industrija tal-Unjoni xorta waħda ġarrbet profitti baxxi u li qed jonqsu. Minkejja li żammet l-investimenti f'livell għoli kemm setgħet sabiex tibqa' kompetittiva, huwa ċar li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx qed tilħaq livelli ta' profitt għoljin biżżejjed biex tħeġġeġ l-investiment fil-futur. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni kienet sejra lura f'perjodu ta' tkabbir fis-suq tal-Unjoni. L-industrija tal-Unjoni tilfet 5 % f'sehem mis-suq [ċifra emendata fir-Regolament ikkontestat] f'suq dejjem jikber, u viżibbilment ma setgħetx tieħu vantaġġ mit-tkabbir tas-suq tal-Unjoni."

170 Minn dawn l-elementi jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet debitament inkunsiderazzjoni s-sehem għoli mis-suq tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll l-eżistenza ta' ċerti indikaturi li għandhom tendenza pożittiva. Ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda argument jew prova li tippermetti li jintwera li d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-premessi 271 u 272 tar-Regolament ikkontestat, b'mod partikolari l-effett fuq il-prezzijiet, kienu manifestament żbaljati. Għalhekk, huma ma wrewx li, fid-dawl tal-prinċipji esposti fil-punti 163 sa 165 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonstatat evoluzzjoni negattiva tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni u meta kkonkludiet li l-imsemmija industrija kienet ġarrbet dannu materjali, billi ħadet inkunsiderazzjoni l-indikaturi rilevanti kollha u b'mod partikolari t-telf tal-ishma mis-suq u d-deterjorazzjoni tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni enfasizzat li ż-żieda fil-volum tal-bejgħ kienet biss ta' 2 %. (ara t-tabella Nru 5, riprodotta fil-premessa 245 tar-Regolament Provviżorju) meta l-konsum tal-Unjoni żdied b' 6 % (ara t-tabella Nru 4, riprodotta fil-premessa 226 tar-Regolament ikkontestat) u li ż-żieda fil-prezzijiet ma segwietx iż-żieda fl-ispejjeż (ara t-tabella Nru 7, riprodotta fil-premessa 256 tar-Regolament Provviżorju).

171 Din il-konklużjoni ma hijiex ikkontestata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali ċċitata mir-rikorrenti, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni.

172 Ċertament, is-sentenzi tal-4 ta' Frar 2021, eurocylinder systems (C-324/19, EU:C:2021:94), u tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill (T-528/09, EU:T:2014:35), li t-tnejn li huma jikkonċernaw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 926/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 li jimponi dazju definittiv kontra d-dumping u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldatura, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2009, L 262, p. 19), irrikonoxxew l-importanza tal-fattur relatat mal-ishma mis-suq tal-industrija tal-Unjoni għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' dannu.

173 Madankollu, it-tagħlim prinċipali tas-sentenzi tal-4 ta' Frar 2021, eurocylinder systems (C-324/19, EU:C:2021:94), u tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill (T-528/09, EU:T:2014:35), huwa li l-indikaturi differenti, inkluż is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, ma għandhomx jitqiesu b'mod iżolat, iżda globalment fl-intier tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Frar 2021, eurocylinder systems, C-324/19, EU:C:2021:94, punt 49, u tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill, T-528/09, EU:T:2014:35, punti 61 sa 63).

174 Barra minn hekk, fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-4 ta' Frar 2021, eurocylinder systems (C-324/19, EU:C:2021:94), u tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill (T-528/09, EU:T:2014:35), il-fatturi ekonomiċi, minbarra l-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, kienu kollha pożittivi (sentenza tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill, T-528/09, EU:T:2014:35, punti 59 sa 61). Issa, f'dan il-każ, mir-Regolament Provviżorju jirriżulta li l-użu tal-kapaċitajiet (tabella Nru 4, riprodotta fil-premessa 240 tar-Regolament Provviżorju), il-profittabbiltà u r-rendiment fuq l-investimenti tal-industrija tal-Unjoni (tabella Nru 10, riprodotta fil-premessa 265 tar-Regolament Provviżorju) kienu naqsu matul il-perijodu kkunsidrat.

175 Barra minn hekk, l-estratti tas-sentenzi tal-4 ta' Frar 2021, eurocylinder systems (C-324/19, EU:C:2021:94), u tad-29 ta' Jannar 2014, Hubei Xinyegang Steel vs Il-Kunsill (T-528/09, EU:T:2014:35), iċċitati mir-rikorrenti, jikkonċernaw aspett differenti tad-dannu, jiġifieri l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fi tmiem il-perijodu ta' investigazzjoni sabiex jiġi konkluż li teżisti theddida ta' dannu sinjifikattiv.

176 Barra minn hekk, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 1995, NTN Corporation u Koyo Seiko vs Il-Kunsill (T-163/94 u T-165/94, EU:T:1995:83), invokata mir-rikorrenti, tikkonċerna sitwazzjoni fejn il-Kunsill kien wettaq żbalji ta' fatt li kienu wrew tendenzi li jmorru kontra l-iżvilupp reali tas-suq (ara l-punt 114 ta' din is-sentenza), żbalji li ma humiex allegati f'din il-kawża. Fir-rigward tas-sentenza tal-14 ta' Marzu 2007, Aluminium Silicon Mill Products vs Il-Kunsill (T-107/04, EU:T:2007:85), ukoll invokata mir-rikorrenti, din tikkonċerna sitwazzjoni fejn il-Kunsill kien wettaq żball ta' fatt meta ppreżenta stampa tal-iżvilupp tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni li jmur kontra d-data riprodotta fir-Regolament Provviżorju (ara l-punti 63 sa 66 ta' din is-sentenza).

177 Madankollu, Airoldi ssostni, l-ewwel, li d-data dwar id-dannu, b'mod partikolari dik li tikkonċerna s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, ma hijiex korretta, peress li l-ebda data reċenti dwar fatturi differenti bħall-volum tal-produzzjoni ma ġiet ipprovduta fl-istadju definittiv. Airoldi tressaq dan l-argument b'rabta mat-tneħħija ta' parti kbira mill-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM 7610 90 90, li tinkludi wkoll prodotti li ma jaqgħux fl-ambitu tal-investigazzjoni (ara l-premessa 202 tar-Regolament ikkontestat) u l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

178 Preliminarjament, għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ta' Airoldi huwa marbut mal-motiv tar-rikorrenti li jikkonċerna l-analiżi tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. B'mod iktar preċiż, dan jikkonċerna l-fatturi u l-indizji differenti li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li r-rikorrenti jittrattaw fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet motiv tagħhom.

179 Minn dan isegwi li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni, dawn l-argumenti jaqgħu fil-kuntest iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tar-rikorrenti, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 87 iktar 'il fuq. Dawn huma għalhekk ammissibbli.

180 Madankollu, kif tindika l-Kummissjoni, ir-Regolament ikkontestat jispjega, fil-premessa 278 tiegħu, li l-volumi tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tar-Renju Unit ġew evalwati għal madwar 2 % biss tal-bejgħ totali ta' din l-industrija, liema volum ma jistax ikollu effett sinjifikattiv fuq l-indikaturi ekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni. Minn dan ir-Regolament ikkontestat jikkonkludi li l-indikaturi relatati mal-industrija tal-Unjoni huma rappreżentattivi anki bit-teħid inkunsiderazzjoni tal-ħruġ tar-Renju Unit u huma kkonfermati, u dan bl-istess mod bħall-konklużjonijiet stabbiliti fuq din il-bażi. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, bl-esklużjoni ta' dak ikkonstatat fir-Renju Unit, ġie kkalkolat mill-ġdid mill-Kummissjoni (ara t-tabella Nru 5a, riprodotta fil-premessa 275 tar-Regolament ikkontestat). Barra minn hekk, it-tneħħija ta' parti mill-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM 7610 90 90 ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-premessi 202 sa 216 u mit-tabelli Nri 1, 2 u 3, riprodotti, rispettivament, fil-premessi 208, 217 u 220 tar-Regolament ikkontestat.

181 Airoldi ma tressaqx argumenti sabiex turi li dawn l-ispjegazzjonijiet tal-Kummissjoni huma manifestament żbaljati u li kienu neċessarji adattamenti. Għalhekk, fid-dawl tal-oneru tal-prova impost fuqha, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

182 It-tieni, Airoldi ssostni wkoll li, kieku l-Kummissjoni kienet ħadet inkunsiderazzjoni s-segmentazzjoni tas-suq tal-aluminju, it-tnaqqis tal-prodotti allegatament dannużi importati taħt il-kodiċi NM 7610 90 90, iż-żieda tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni minn 81.1 % għal 85.4 % u t-tnaqqis tal-importazzjonijiet miċ-Ċina minn 9.6 % sa 5 %, li seħħew bejn l-adozzjoni tar-Regolament Provviżorju u dik tar-Regolament ikkontestat, hija kienet tikkonstata li l-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet, fir-realtà, ġiet imsaħħa.

183 Għal darb' oħra għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ta' Airoldi huwa marbut mal-motiv tar-rikorrenti li jikkonċerna l-analiżi tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u jikkonċerna b'mod iktar preċiż id-diversi fatturi u indizji li jaffettwaw is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li r-rikorrenti jittrattaw fil-kuntest tal-ewwel parti tat-tielet motiv tagħhom. Din hija marbuta wkoll mat-tieni u mat-tielet parti tat-tieni motiv, li permezz tagħhom ir-rikorrenti jilmentaw li l-Kummissjoni qieset li l-prodotti estruži tal-aluminju li joriġinaw miċ-Ċina kienu jikkostitwixxu prodott uniku.

184 Minn dan isegwi li dawn l-argumenti jaqgħu fil-kuntest iddefinit mit-talbiet u mill-motivi tar-rikorrenti, konformement mal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 87 iktar 'il fuq. Għaldaqstant huma ammissibbli, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Kummissjoni.

185 Madankollu, kif tindika l-Kummissjoni, ir-Regolament ikkontestat jispjega, fil-premessa 56, għalfejn iqis li l-prodott ikkonċernat jikkostitwixxu prodott uniku (ara l-punti 62 u 63 iktar 'il fuq). Barra minn hekk, it-tneħħija ta' parti mill-importazzjonijiet taħt il-kodiċi NM 7610 90 90 ittieħdet inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-premessi 202 sa 216 u mit-tabelli Nri 1, 2 u 3, riprodotti, rispettivament, fil-premessi 208, 217 u 220 tar-Regolament ikkontestat.

186 Fir-rigward tal-allegat tnaqqis tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina u ż-żieda tas-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni, għandu jiġi osservat dan li ġej.

187 Mit-tabella Nru 5, riprodotta fil-premessa 245 tar-Regolament Provviżorju, jirriżulta li, f'dan l-istadju tal-proċedura, il-Kummissjoni kienet stmat is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fis-suq liberu matul il-perijodu ta' investigazzjoni bħala 81.1 %. Fi tmiem il-proċedura amministrattiva, din iċ-ċifra żdiedet, jiġifieri għal 84.4 %, wara r-reviżjoni tal-volumi ta' importazzjoni miċ-Ċina (ara t-tabella Nru 5, riprodotta fil-premessi 229 u 230 tar-Regolament ikkontestat). Is-sehem mis-suq invokat minn Airoldi, jiġifieri 85.4 %, jikkonċerna s-sehem mis-suq fis-suq liberu tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, iżda b'kont meħud tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni (ara t-tabella Nru 5a, riprodotta fil-premessa 275 tar-Regolament ikkontestat). Minn naħa, isegwi li ċ-ċifri invokati minn Airoldi ma humiex direttament paragunabbli, peress li jikkonċernaw kamp ġeografiku differenti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni spjegat, fil-premessa 276 tar-Regolament ikkontestat, li, minkejja li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żie evalwat mill-ġdid f'livell kemxejn ogħla għall-perijodu kkunsidrat, dan is-sehem mis-suq xorta waħda tilef 3 punti perċentwali.

188 L-istess konstatazzjonijiet japplikaw għat-tnaqqis fl-importazzjonijiet miċ-Ċina. Fil-fatt, minn naħa, Airoldi tqabbel id-data meħuda inkunsiderazzjoni fir-Regolament Provviżorju mad-data tar-Regolament ikkontestat billi ma tiħux inkunsiderazzjoni r-Renju Unit (ara t-tabella Nru 2, riprodotta fil-premessa 225 tar-Regolament Provviżorju u tabella Nru 2a, riprodotta fil-premessa 262 tar-Regolament ikkontestat). Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni qieset, fil-premessa 263 tar-Regolament ikkontestat, li, abbażi tal-volumi ta' importazzjoni aġġustati, kien possibbli li jiġu osservati livelli sinjifikattivi ta' importazzjonijiet f'termini relattivi u assoluti, li jilħqu 5 % tas-sehem mis-suq matul il-perijodu ta' investigazzjoni. F'termini assoluti, l-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu b' 56 % matul il-perijodu kkunsidrat u s-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping żdied bi 48 %.

189 Airoldi ma tressaqx argumenti biex turi li dawn il-konstatazzjonijiet tal-Kummissjoni huma manifestament żbaljati u li l-industrija tal-Unjoni fil-fatt issaħħet. Għalhekk, fid-dawl tal-oneru tal-prova impost fuqha, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda.

190 Dan l-ilment għalhekk għandu jiġi miċħud.

2) Fuq it-tkabbir u l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni

191 Fil-kuntest tat-tieni lment tagħhom, ir-rikorrenti jallegaw li l-Kummissjoni tbiegħdet mill-għan tal-leġiżlazzjoni antidumping meta kkonkludiet li kien hemm dannu għall-industrija tal-Unjoni f'kuntest ta' tkabbir sinjifikattiv tal-konsum u tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

192 F'dan ir-rigward, f'dak li jirrigwarda l-konsum tal-Unjoni fis-suq liberu, huwa ċertament paċifiku li dan żdied b' 6 % matul il-perijodu kkunsidrat (ara t-tabella Nru 4, riprodotta fil-premessa 226 tar-regolament ikkontestat u fit-Tabella Nru 4a (industrija tal-Unjoni barra mir-Renju Unit), riprodotta fil-premessa 271 tar-Regolament ikkontestat).

193 Madankollu, ma huwiex meħtieġ, sabiex jiġi kkonstatat li l-industrija tal-Unjoni ssofri dannu ta' natura li jiġġustifika l-adozzjoni ta' dazji antidumping, li l-fatturi u l-indizji ekonomiċi rilevanti kollha juru tendenza negattiva (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, CHEMK u KF vs Il-Kunsill, T-190/08, EU:T:2011:618, punt 114).

194 Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkwalifikat iż-żieda fil-konsum tal-Unjoni, billi nnotat li, għalkemm il-konsum żdied matul il-perijodu kkunsidrat, kien naqas bejn l-2018 u l-perijodu ta' investigazzjoni (ara l-premessa 216 tar-Regolament Provviżorju u t-tabella Nru 4, riprodotta fil-premessa 226 tar-regolament ikkontestat). Barra minn hekk u fuq kollox, il-Kummissjoni ġustament enfasizzat, fil-premessa 271 tar-Regolament Provviżorju, li, fid-dawl tad-data disponibbli, l-industrija tal-Unjoni kienet, minkejja ż-żieda fid-domanda, tilfet is-sehem mis-suq.

195 F'dak li jirrigwarda l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni, għandu jiġi kkonstatat li mit-tabella Nru 10, riprodotta fil-premessa 265 tar-Regolament Provviżorju, jirriżulta li din ċertament hija ta' 2 % matul il-perijodu ta' investigazzjoni, iżda naqset minn 4.9 % għal 2 % matul il-perijodu kkunsidrat. Minn dan il-Kummissjoni setgħet tiddeduċi l-eżistenza ta' trażżin tal-prezzijiet f'kuntest fejn, kif jirriżulta mit-tabella Nru 7, riprodotta fil-premessa 275 tar-Regolament Provviżorju, il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni żdiedu inqas mill-ispejjeż.

196 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma wrewx li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta kkonkludiet li kien hemm dannu sinjifikattiv għall-industrija tal-Unjoni, minkejja ż-żieda fil-konsum tal-Unjoni u l-profittabbiltà ta' 2 % tal-imsemmija industrija.

197 Għaldaqstant, it-tieni lment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

3) Fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-prezz u tal-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina

198 Fil-kuntest tat-tielet ilment tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu, l-ewwel, li l-Kummissjoni enfasizzat il-prezz tal-prodotti importati miċ-Ċina billi ma rrikonoxxietx ir-rilevanza tal-volum tal-importazzjonijiet. It-tieni, ir-Regolament ikkontestat huwa vvizzjat b'kontradizzjoni bejn il-premessi 201 u 249 fuq din il-kwistjoni.

199 Dan l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq qari żbaljat tar-regolament ikkontestat.

200 L-ewwel, mit-Taqsima 4.3 tar-regolament ikkontestat, intitolata "Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat", u b'mod iktar partikolari mit-tabelli Nri 1, 2 u 3, jirriżulta li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni b'mod ibbilanċjat mhux biss il-prezzijiet tal-prodotti importati miċ-Ċina, iżda wkoll il-volum tal-importazzjonijiet ta' dawn il-prodotti.

201 It-tieni, ma hemmx kontradizzjoni bejn il-premessi 201 u 249 tar-Regolament ikkontestat, peress li dawn il-premessi jikkonċernaw kwistjonijiet differenti. Fil-fatt, il-premessa 201 tar-regolament ikkontestat, taħt il-kliem "[Informazzjoni] Ġenerali", tispjega b'mod partikolari li "[p]ressjoni kontinwa kienet eżerċitata minn prezzijiet Ċiniżi baxxi wisq, [u li] din il-pressjoni kellha implikazzjonijiet multipli [peress li], *inter alia*, rażżnet il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, impedixxiet dawk il-prezzijiet milli jirriflettu ż-żieda internazzjonali fil-prezzijiet tal-materja prima (l-aluminju), u naqqset il-profittabilità" u li "[b]iex iseħħ dan id-dannu mhumiex meħtieġa volumi kbar ta' importazzjonijiet [peress li] anki importazzjonijiet relattivament modesti, jew saħansitra l-eżistenza ta' ammont sinifikanti ta' importazzjonijiet bi prezz baxx (bħal f'dan il-każ b'mod inkontestabbli) huma biżżejjed biex jiġi stabbilit limitu ta' prezz baxx li jaffettwa s-suq kollu".

202 Għall-kuntrarju, fil-premessa 249 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni tindirizza l-argumenti li permezz tagħhom il-grupp li jagħmlu parti minnu r-rikorrenti kien ikkontesta l-eżistenza ta' dannu sinjifikattiv minħabba li l-paraguni tal-prezzijiet imwettqa mill-Kummissjoni ma kinux xierqa. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat dan li ġej:

"L-investigazzjoni wriet li meta jwettqu tqabbil fuq bażi ta' tip ta' prodott, il-prezzijiet ta' dawn l-esportaturi kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'marġni sinifikanti, u b'hekk irriżultaw mhux biss allinjati iżda aktar baxxi b'mod sensibbli. Haomei Group issuġġerixxa wkoll li l-prezzijiet tal-importatur jintużaw bħala sors għat-tqabbil tal-prezzijiet. Madankollu, […] il-Kummissjoni bbażat it-tqabbil tal-prezzijiet tagħha fuq bażi oġġettiva bl-użu ta' metodoloġija u kalkoli dettaljati li ġew żvelati lil Haomei Group. Din il-metodoloġija qabblet il-prodotti fuq bażi ta' tip b'tip bl-użu ta' diversi kriterji oġġettivi u għalhekk kienet l-aktar metodu rappreżentattiv disponibbli għall-Kummissjoni."

203 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta' evalwazzjoni u lanqas ma kkontradixxiet lilha nnifisha meta adottat il-premessi 201 u 249 tar-regolament ikkontestat, li jikkonċernaw suġġetti differenti.

204 Għaldaqstant, it-tielet ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

4) Fuq iż-żieda tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina

205 Fil-kuntest tar-raba' lment tagħhom, ir-rikorrenti jressqu diversi argumenti sabiex isostnu li l-Kummissjoni wettqet żbalji fit-teħid inkunsiderazzjoni tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina.

206 Fl-ewwel lok, huma jsostnu li, wara l-informazzjoni finali addizzjonali tat-8 ta' Frar 2021, il-kwantità tal-prodotti kkonċernati importati miċ-Ċina żdiedet minn iktar minn 300 000 tunnellata (fil-bidu tal-proċedura) għal 128 853 tunnellata. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni dan it-tnaqqis u bl-ebda mod ma biddlet l-evalwazzjoni tagħha tad-dannu u tad-dumping.

207 Kif jirriżulta mit-tabella Nru 2a, riprodotta fil-premessa 262 tar-regolament ikkontestat, iċ-ċifra ta' 128 853 tunnellata tirreferi għall-volum tal-importazzjonijiet taħt tmien kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda matul il-perijodu ta' investigazzjoni, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Il-volum totali tal-importazzjonijiet fl-Unjoni miċ-Ċina matul l-istess perijodu fuq l-istess bażi kien ta' 152 551 tunnellata u s-sehem mis-suq taċ-Ċina kien ta' 5 % (ara t-tabella Nru 2a, riprodotta fil-premessa 262 tar-regolament ikkontestat). Billi ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, l-importazzjonijiet miċ-Ċina taħt tmien kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda kienu ta' 164 641 tunnellata u l-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien ta' 191 981 tunnellata għal sehem mis-suq ta' 6.2 % (ara t-tabella Nru 2, riprodotta fil-premessa 217 tar-Regolament ikkontestat). Huwa paċifiku li dawn iċ-ċifri huma ħafna inqas minn dawk ippreżentati fit-tabella Nru 2, riprodotta fil-premessa 225 tar-Regolament Provviżorju, jiġifieri volum ta' importazzjonijiet miċ-Ċina matul il-perijodu ta' investigazzjoni ta' 309 853 tunnellata għal sehem mis-suq ta' 9.6 %.

208 Madankollu, l-ewwel, għandu jiġi rrilevat li l-argument tar-rikorrenti huwa bbażat fuq paragun bejn, minn naħa, il-volum tal-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina taħt tmien kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda matul il-perijodu ta' investigazzjoni kkonstatat fir-regolament ikkontestat u li jieħu inkunsiderazzjoni l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u, min-naħa l-oħra,

il-volum ta' importazzjonijiet totali miċ-Ċina fl-istadju tar-Regolament Provviżorju u qabel l-aġġustamenti. Minn dan isegwi li dan il-paragun huwa bbażat fuq ċifri li jikkonċernaw volumi li jikkorrispondu għal kampijiet materjali u ġeografiċi differenti u li ma jistgħux jiġu pparagunati direttament.

209 It-tieni, għandu jiġi rrilevat li, kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, minkejja li ċ-ċifri tal-importazzjonijiet Ċiniżi ġew imnaqqsa minħabba diverġenzi ta' opinjonijiet dwar kodiċi NM, fid-dawl tad-data disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonferma li l-volum globali tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien baqa' sinjifikattiv u li seta' jiġi osservat żvilupp ta' tkabbir identiku għal dak tal-istadju provviżorju.

210 Fil-fatt, wara analiżi iktar fil-fond tal-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, minħabba l-fatt li l-kodiċi NM 7610 90 90, li jinkludi wkoll prodotti li ma jaqgħux fl-ambitu tal-investigazzjoni, ta lok għal opinjonijiet kontradittorji (ara l-premessa 202 tar-Regolament ikkontestat), il-Kummissjoni naqset iċ-ċifri. Il-Kummissjoni qieset li l-penetrazzjoni Ċiniża kienet għadha sinjifikattiva (premessa 203 tar-Regolament ikkontestat) u li, anki jekk is-sehem mis-suq Ċiniż kien tnaqqas bħala konsegwenza ta' dan, l-importazzjonijiet baqgħu sinjifikattivi u ġiet osservata xejra ta' tkabbir identika għal dik ikkonstatata fl-istadju provviżorju (premessa 213 tar-Regolament ikkontestat). Wara analiżi tad-diversi fatturi u tal-argumenti tal-partijiet ikkonċernati fil-premessi 208 sa 249 tar-Regolament ikkontestat, il-Kummissjoni kkonkludiet, fil-premessa 252 tal-imsemmi regolament, li l-indikaturi ewlenin, li wrew id-dannu f'din l-investigazzjoni, komplew jindikaw l-eżistenza ta' dannu, anki jekk l-importazzjonijiet ta' prodotti Ċiniżi kienu evalwati bl-esklużjoni ta' kodiċi NM.

211 Minn dan isegwi li huwa b'mod żbaljat li r-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni t-tnaqqis tal-volumi tal-importazzjonijiet miċ-Ċina. Għaldaqstant, l-argumenti tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

212 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied biss b' 49 % bejn l-2016 u l-perijodu ta' investigazzjoni, valur estremament modest li ma jistax jitqies bħala theddida għall-industrija tal-Unjoni, li r-riżultati tagħha huma stabbli u pożittivi. Barra minn hekk, kull żieda fis-sehem mis-suq hija irrilevanti, peress li s-sehem mis-suq inizjali, f'valur assolut, huwa minimu, jiġifieri inqas minn 15 %.

213 L-ewwel, għandu jiġi enfasizzat li huwa b'mod infondat li r-rikorrenti jsostnu li sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina ta' inqas minn 15 % huwa "minimu". Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 5(7) tar-Regolament Bażiku jipprovdi li proċedura ma tinfetaħx meta l-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiż jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' inqas minn 1 %, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina huwa ħafna ogħla minn din il-perċentwali (ara t-tabella Nru 2, riprodotta fil-premessa 217 tar-Regolament ikkontestat, u t-tabella Nru 2a, riprodotta fil-premessa 262 tar-Regolament ikkontestat). Ir-Regolament Bażiku ma jipprevedix limitu ieħor tas-sehem mis-suq sabiex jiġi konkluż li l-importazzjonijiet minn pajjiż terz ma humiex ta' natura li jikkawżaw dannu.

214 It-tieni, il-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied b' 49 % bejn l-2016 u l-perijodu ta' investigazzjoni u s-sehem mis-suq tal-istess importazzjonijiet żdied b' 41 % bejn l-2016 u l-istess perjodu. Din iż-żieda ma tistax titqies li hija "modesta" u r-rikorrenti ma jressqux argumenti li jippermettu li tiġi kkontestata din il-konklużjoni.

215 It-tielet, l-argumenti tar-rikorrenti dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni ġew miċħuda fil-punti 162 sa 197 iktar 'il fuq u r-rikorrenti ma jressqux, fil-kuntest ta' dan l-ilment, argumenti oħra li jippermettu, fir-rigward tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina, li jiġi konkluż li l-Kummissjoni wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

216 Għalhekk, dawn l-argumenti tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

217 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-importazzjonijiet miċ-Ċina kisbu sehem mis-suq għad-detriment tal-produtturi tal-pajjiżi terzi u mhux għad-detriment tal-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, mir-rapporti annwali tal-grupp Hydro, jirriżulta li l-allegata żieda ta' erba' punti perċentwali tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet miċ-Ċina setgħet seħħet għad-detriment tal-ishma tas-suq ta' dan il-grupp, li hija kumpannija rregolata mid-dritt Norveġiż u mhux produttur tal-Unjoni.

218 F'dan ir-rigward, id-data invokata mir-rikorrenti fil-punti 140 u 141 tar-rikors, dwar l-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina u l-importazzjonijiet miċ-Ċina, tirriżulta, kif ippreċiżaw ir-rikorrenti waqt is-seduta, mit-tabella Nru 2a, riprodotta fil-premessa 262 tar-Regolament ikkontestat (din id-data ma tikkonċernax il-volum totali tal-importazzjonijiet, iżda l-importazzjonijiet taħt tmien kodiċijiet NM), u mit-tabella Nru 6a, riprodotta fil-premessa 304 tar-Regolament ikkontestat, u tieħu inkunsiderazzjoni l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

219 Mid-data inkluża f'dawn it-tabelli jirriżulta li l-volum totali tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina żdied minn 238 937 tunnellata fl-2016 għal 295 248 tunnellata matul il-perijodu ta' investigazzjoni, li ġab is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet minn 8.2 % għal 9.6 %, filwaqt li l-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina tela' minn 97 535 tunnellata fl-2016 għal 152 551 tunnellata matul il-perijodu ta' investigazzjoni, li ġab is-sehem mis-suq tagħhom minn 3.4 % għal 5 %. Għalkemm huwa paċifiku, kif jirriżulta wkoll mid-data ppreżentata mir-rikorrenti, li l-importazzjonijiet provenjenti minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina naqsu bejn l-2017 u l-perijodu ta' investigazzjoni, iż-żieda ta' tunnellati importati provenjenti minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina u t-tunnellati importati miċ-Ċina kull sena turi żieda kostanti (u mhux kwantità stabbli kif jallegaw ir-rikorrenti). Minn dan jirriżulta li ż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina taqbeż it-tnaqqis fil-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina.

220 Barra minn hekk, mit-tabella Nru 2, riprodotta fil-premessa 217 tar-Regolament ikkontestat, jirriżulta li, matul il-perijodu kkunsidrat, il-volum totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied b' 49 % (jew b' 56 % b'teħid inkunsiderazzjoni tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, kif jirriżulta mit-tabella Nru 2a, riprodotta fil-premessa 262 tar-Regolament ikkontestat). Fl-istess ħin, kemm mit-tabella Nru 5, riprodotta fil-premessa 229 tar-Regolament ikkontestat kif ukoll mit-tabella Nru 5a, riprodotta fil-premessa 275 tal-istess regolament, jirriżulta li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas matul l-istess perijodu.

221 Barra minn hekk, l-argumenti tar-rikorrenti li l-importazzjonijiet provenjenti miċ-Ċina setgħu seħħew għad-detriment tal-ishma tas-suq tal-grupp Hydro, li hija kumpannija rregolata mid-dritt Norveġiż, ma jistgħux jintlaqgħu.

222 Fil-fatt, l-allegazzjonijiet dwar il-grupp Hydro, anki jekk jitqies li seħħew, ma jsostnux it-teżi ppreżentata mir-rikorrenti, peress li, kif tirrileva l-Kummissjoni mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, il-grupp Hydro jagħmel parti mill-industrija tal-Unjoni u li waħda

mill-kumpanniji tal-grupp, jiġifieri Hydro Extrusion Hungary k.f.t, stabbilita f'Székesfehérvár (l-Ungerija), kienet tagħmel parti mill-produtturi tal-Unjoni magħżula fil-kampjun, kif jirriżulta mill-premessa 22 tar-Regolament Provviżorju.

223 Għalhekk, għandu jiġi miċħud l-argument li l-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina ma żdidux għad-detriment tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni, iżda għad-detriment tal-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi minbarra ċ-Ċina.

224 Għaldaqstant, dawn l-argumenti tar-rikorrenti u, magħhom, l-ewwel parti tat-tielet motiv kollha għandhom jiġu miċħuda.

[*omissis*]

IV. Fuq l-ispejjeż

270 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfu, huma għandhom jiġu kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni, kif mitlub minn din tal-aħħar.

271 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprovdi li l-istituzzjonijiet intervenjenti fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom, il-Parlament għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

272 Skont l-Artikolu 138(3) tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li intervenjent, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu. Peress li Airoldi intervjeniet insostenn tar-rikorrenti, li tilfu l-kawża, hija għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Guangdong Haomei New Materials Co. Ltd u Guangdong King Metal Light Alloy Technology Co. Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż rispettivi tagħhom, kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni.

3) Il-Parlament Ewropew u Airoldi Metalli SpA għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Papasavvas da Silva Passos Gervasoni

Reine Pynnä

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 2023.

Firem

[i] — L-espressjoni "Artikolu 2(6)(a)" inbidlet għall-espressjoni "Artikolu 2(6a)" fid-dokument kollu, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.